*Rivista Biblika li toħroġ kull xahrejn mill-Kummissarjat ta' L-Art Imqaddsa tal-Provinċja Franġiskana Maltija*

*Imwaqqfa fl-1955*

*Computer Setting:*
*Ġwann Abela ofm*

*Serje Ġdida*
*Vol 24 Nru 133*
*Jannar - Frar 2003*

***Editorjal*** ................***385***
***L-Evanġelju skond San Luqa*** ..........***387***
***Il-Bibbja f'idejna***........***396***
***Ġesù Kristu Omileta*** .***401***
***Proverbji: fil-familja u fl-iskola***...........***405***

*Editorjal ta' Twanny Chircop ofm*

# Premju Nobel tal-Paċi

## għall-Patrijiet u s-Sorijiet ta' Betleħem?

Nittamaw li dan isseħħ: aħna konvinti li dak li l-patrijiet u s-Sorijiet ta' Betleħem urew waqt l-assedju tal-Bażilika ta' Betleħem għandu jiġi rikonoxxut bħal sinjal ta' Paċi li għandu ħafna x'jgħallem lid-dinja.

Għadha ħajja fil-qalb ta' kulħadd it-tifkira ta' dawk il-ġranet, segwiti minna b'nifisna maqtugħ.... u anki llum għad baqa' bżonn li ssir il-Paċi, ġewwa l-Art Imqaddsa kif ukoll kull fejn il-gwerra thedded il-ħajja tal-bniedem. L-istess diskorsi tal-Papa Ġwanni Pawlu II f'dan l-aħħar żmien kollha fihom tħeġġiġ biex nitolbu għall-Paċi fil-Lvant Nofsani.

Il-patrijiet u s-sorijiet ta' Betleħem taw u qed jagħtu xhieda li jistgħu jiġu solvuti d-differenzi mingħajr ma wieħed jirrikorri għall-vjolenza, li jiġi mħaddem id-djalogu ta' rispett lejn il-ħajja, lejn kull ħlieqa. Ix-xiehda tagħhom kienet umli iżda qawwija biżżejjed li nixtiequ li tiġi msemma' fil-qalb ta' kull biedem li għandu rieda tajba.

Ma nixtieqx inżid aktar ma' dak li diġà inkiteb fin-nomina għall-Premju Nobel li nistedinkom taqraw f'paġna 386. Huwa kummitat li ġie organizzat apposta ġewwa it-Toscana l-Italja, fil-bidu tas-Sajf li għadda, ikkordinat mill-Isqof Franġiskan Rodolfo Cetoloni, isqof ta' Montepuliciano. Jekk inti temmen li dawn il-patrijiet u s-sorijiet jistħoqqilhom dan il-premju Nobel, mur fuq is-"site" *www.nobelbetlemme.org* li ġie magħmul apposta, u hemm issib il-formoli li għandek timla. Jekk inti temmen dan stieden oħrajn biex jagħmlu bħalek.

Problema nkwetanti li l-Knisja fl-Art Imqaddsa qed tiffaċċja hija d-deċiżjoni li l-awtorità militari Iżraeljana ħadet biex tibni ħajt twil ħalli jisseparaw it-Territorji Palestinjani minn dawk ta Iżrael. Dan il-ħajt issa diġà wasal sa Betleħem. Dan iffisser ħafna, għax b'dan il-mod 60 familja Nisranija li joqgħodu qrib il-qabar ta' Rakel fid-daħla ta' Betleħem se jiġu jgħixu ġewwa gaġġa, priġunieri ġewwa darhom stess. Imdawrin u maqtugħin, imċaħħda minn kull assistenza ta' servizzi; ħallewlhom daħla żgħira ġo ħajt li huwa għoli tmien metri, li anke jifred il-belt ta' Betleħem minn Ġerusalem. Din il-preokkupazzjoni ġiet espressa f'ittra li bagħtu l-Kustodju tal-Franġiskani Giovanni Battistelli flimkien mal-Patrijarka ta' Ġerusalem Michel Sabbah lill-Presidenti tal-konferenzi Episkopali. Appell qawwi lill-insara kollha biex isemmgħu leħinhom, u jagħmlu xi ħaġa qabel ma jkun tard wisq, biex tiġi salvata Betleħem. Dan huwa l-appell tagħhom:

"Jekk jogħġobkom, għamlu dak kollu li hu posssibli permezz tal-Gvern tagħkom; permezz tal-ambaxxata Iżraeljana f'pajjiżkom; permezz ta' l-istess Gvern ta' Iżrael."

Quddiem din is-sitwazzjoni l-appell tiegħi f'dan iż-żmien tar-Randan, huwa li nitolbu u nofffru s-sagrifiċċji tagħna għall-Paċi fil-Lvant Nofsani. Nemmen li l-Mulej kif dejjem kien ħanin magħna jkompli juri s-sebħ tiegħu għal żminijiet aħjar, ikun Hu fil-qawwa tiegħu li jiddefendi l-art tiegħU u lil niesha. Jalla jkollna l-grazzja li nkunu nistgħu nerġgħu nibdew il-pellegrinaġġi lejn din l-art qaddisa għaliex il-mixja f'din l-Art dejjem ħalliet il-benna tal-konverżjoni f'dawk li jħossu l-barka tal-qdusija ta' din l-Art.

## Motivazzjoni Premju Nobel għall-Paċi

Hemm bosta ħwejjeġ li b'mod l-aktar sempliċi ntennuhom spiss u kuljum. Imma dawn, f'xi waqt preċiż ta' ġrajjietna, jsiru *"ġesti mhux tas-soltu"*, hekk li jiksbu valur simboliku, fatti li kapaċi wkoll li jitħaddtu weħidhom. Ifakkru li f'kull sitwazzjoni d-djalogu jibqa' dejjem possibli, anzi li hu waħdu hu l-mezz, biex jitħarsu l-ħajjiet tan-nies, u t-triq li twassal għall-kisba tal-paċi.

Dan ġara f'Betleħem matul dawk il-jiem meta l-Palestinjani, ċivili u armati, okkupaw, u l-Iżraeljani assedjaw, il-Bażilka tat-Twelid.

Grazzi għall-mod kalm ta' kif ġabu ruħhom il-Franġiskani, patrijiet u sorijiet, illi, imsaħħin mill-kelma ta' Ġesù u mir-regola ta' San Franġisk t'Assisi, flimkien mar-raġuni mogħtija minn Alla lil kull bniedem, għarfu jbegħdu liż-żewġ naħat milli jaqbdu f'xulxin. Konfront li kien iħalli bosta mejtin, minn naħa u minn oħra.

Filwaqt li l-Franġiskani wrew li huma tabilħaqq il-ħarriesa ta' dan il-post qaddis, imħolli mill-Knisja f'idejhom, u f'idejn ta' l-insara l-oħra Griegi u Armeni, taw ukoll prova li kienu din id-darba l-ħarriesa wkoll tal-ħajja ta' bosta nies, u tal-paċi.

Minkejja t-tbatija, psikoloġika u morali, li kienu jagħfsu fuqhom, u jissuġġerulhom biex jitilqu 'il barra u jabbandunaw il-Bażilka u jaħsbu għal rashom, u jħallu ż-żewġ naħat jitqabdu bl-armi, għażlu t-triq iebsa li ma jabbandunawx ix-xogħol tagħhom li jħarsu b'periklu għal ħajjithom, is-Santwarju.

Għal 39 jum wara xulxin qasmu flimkien din ix-xorta ta' ħajja, u dak kollu li kellhom, mingħajr ma baqgħu lura milli jikkonvinċu liż-żewġ naħat, li kellhom isibu soluzzjoni onorevoli u paċifika, ta' kif tintemm din il-qagħda perikoluża.

F'din il-klima ta' tensjoni kbira, taw xhieda attiva tal-paċi, meta bosta drabi ndaħlu biex jikkalmaw lis-suldati, u hekk irnexxielhom li ma jħalluhomx jitqabdu ma' xulxin. Dan kien ikollu żgur konsegwenzi traġiċi, fost dawk kollha mdaħħlin f'dan il-konflitt.

B'dan il-mod irnexxielhom iberrdu liż-żewġ naħat. L-indħil tagħhom, sa b'riskju personali, wassal biex ġew meħlusin iż-żewġ naħat. F'din il-Bażilka, instabet is-soluzzjoni li ġiet aċċettata mit-tnejn.

Aħna nemmnu li d-djalogu bejn il-Palestinjani u l-Iżraeljani, espost kif inhu kuljum għall-falliment u l-iskoraġġiment, jista' jsir u jisseddaq billi jittieħed l-eżempju ta' din it-triq ta' solidarjetà bejn dawk kollha li għexu dawk il-jiem u l-iljieli fil-Bażilka ta' Betleħem.

Comitato Promotore
v. Fiorenzuola Vecchia, 2
53045 Montepuliciano (Si)
*nobel@nobelbetlemme.org*

*Kitba ta' Guido Schembri ofm*

# L-Evanġelju skond San Luqa

(Ikompli mill-ħarġa ta' Diċembru)

## IS-SITT TAQSIMA

## Il-passjoni u l-qawmien (Kap. 22 sa 24)

### *Kapitlu 22*

Fl-istorja tal-passjoni, Luqa jinqeda bil-materjal ta' Marku imma jorganizzah iktar, kull tant iqassru u kull tant jagħtih tifsir teoloġiku tiegħu. Jinqeda wkoll b'fonti tiegħu proprja u jippreżenta lil Ġesù bħala s-Salvatur tal-morda u l-midinbin. Ġesù jidher bħala l-martri li jaċċetta kollox b'dinjità u sabar liema bħalhom.

### Ftehim sigriet tas-Sinedriju (22,1-6)

Meta resqet il-festa ta' l-Ażżmi, jiġifieri s-sebat ijiem tal-Għid il-Kbir, il-qassisin il-kbar bdew ifittxu kif joqtlu lil Ġesù bla ma jqajmu l-poplu kontrihom. Riedu jsibu lil xi ħadd li jgħidilhom fejn jgħaddi l-lejl u li juri lis-suldati li jmorru jaqbduh min hu l-imgħallem fost il-grupp. Sabu lil Ġuda l-Iskarjota. Dan ma kienx possess mix-xitan imma kien strument f'idejh. Minn Ġwanni nafu li kienu l-flus li għamewh, imma jidher li hu qatt ma stenna li Ġesù se jkun maqtul. Sar dixxiplu ta' Ġesù għax stenna li Ġesù kien se jkun sultan ta' did-dinja, u meta ra li s-Saltna li ried iwaqqaf Ġesù kienet ta' natura spiritwali, iddeċieda li jbiegħu għall-flus. Mar għand il-qassisin il-kbar u tahom pjaċir bl-offerta tiegħu. Ħa il-flus u beda jfittex l-okkażjoni li Ġesù jinqabad bil-moħbi tal-poplu. Il-ftehim sar aktarx nhar l-Erbgħa ta' qabel il-passjoni.

### Tħejjija għall-ikla tal-Għid (22,7-13)

Meta resaq il-jum tal-Għid, Ġesù bagħat lil Pietru u lil Ġwanni (Luqa biss iġib l-isem taż-żewġ Appostli mibgħutin minn Ġesù) biex iħejju l-ikla tal-Għid. Din l-ikla kienet tfisser il-ħelsien tal-Lhud mill-jasar ta' l-Eġittu, imma kienet ukoll figura ta' dak li kellu jseħħ 'il quddiem (Kol 2,17), it-twaqqif tas-Saltna ta' Alla li tħaddan il-mifdijin bid-demm tal-ħaruf.

It-tħejjija kienet tikkonsisti fit-tisjir tal-ħxejjex morri, iz-zalza li fiha jintbill il-ħaxix, xi ikel ieħor li jippreferu dawk mistednin għall-ikla, l-inbid aħmar, l-ilma, il-ħaruf bla tebgħa ta' sena, u l-ħobż ażżmu. Il-post kellu jurih lill-Appostli wieħed raġel iġorr ġarra ilma; il-post kien ġa mgħammar bl-imwejjed, il-bankijiet, eċċ. L-Appostli marru u sabu dak kollu li kien qalilhom Ġesù.

### It-twaqqif ta' l-Ewkaristija (22,14-23)

L-ewwel, Ġesù wera li din l-ikla kienet dejjem quddiem moħħu, għax tfisser it-twaqqif tal-fidwa li għaliha ġie fid-dinja. Qal lill-Appostli li din se tkun l-aħħar ikla f'din id-dinja, ikla li jerġa' jagħmilha magħhom fil-hena tas-sema. Għandna ninnutaw li l-Ewkaristija hija pregustazzjoni tal-hena fis-sema. Imbagħad radd il-ħajr fuq il-kalċi (dan kien l-ewwel fost it-tlieta, jew erbgħa li l-Lhud kienu jixorbu fl-ikla tal-Għid) kif kien preskritt miċ-ċerimonjal, u qal lill-Appostli biex jaqsmuh bejniethom. L-inbid aħmar kien jitħallat bl-ilma.

Wara dan, Ġesù bierek il-ħobż, qasmu u tah lill-Appostli (il-kliem "*qasam*" u "*ta*" għandhom tifsir sagrifikali); dan kien il-ħobż li kkonsagra. Imbagħad qabad il-kalċi u kkonsagra l-inbid (dan it-tieni kalċi kien li kkonsagra). Il-forma tal-konsagrazzjoni ta' l-



inbid hi bħal dik li jġib San Pawl: "Dan il-kalċi hu l-Patt il-ġdid li jingħata għalikom..". Hi forma differenti minn dik li jġibu Mattew u Mark, imma t-tifsir u s-sustanza huma l-istess.

Wara t-twaqqif ta' l-Ewkaristija, Ġesù rrivela li kien se jkun ittradut minn wieħed mill-grupp appostoliku, imma ma qalx ismu, u l-Appostli bdew jistaqsu bejniethom min hu. Jidher mill-Evanġelisti li Ġuda ma ħax mill-ħobż ikkonsagrat.

## Min hu l-akbar fis-Saltna ta' Alla (22-24-30)

Waqt l-ikla nqalgħet kwistjoni bejn l-Appostli dwar min se jkun l-akbar bejniethom. Moħħhom kien għadu fil-kobor, kif deher ftit qabel meta Ġwanni u Ġakbu bagħatu lil ommhom titlob lil Ġesù biex iqiegħdhom wieħed fuq il-lemin u l-ieħor fuq ix-xellug tat-tron tiegħu. Ġesù wieġeb li fis-Saltna għandna nixbħu lilu li għamilha ta' qaddej fostna. Lill-Appostli mbagħad wegħdhom ilkoll li għad isaltnu miegħu fil-hena tas-sema, imma qabel jeħtieġ li jgħaddu minn ħafna tiġrib, kif ġa għaddu hu stess.

## Ġesù jħabbar iċ-ċaħda ta' Pietru (22,31-38)

Ix-xitan ħalla t-taqbida tiegħu kontra l-grupp appostoliku għall-mument l-aktar kritiku, għal meta qorbot il-passjoni ta' l-Imgħallem. Rebaħ lil Ġuda u dar ukoll għal Pietru. Ġesù wera li talab għal Pietru biex il-fidi tiegħu fih ma tiġix nieqsa; din ma ġietx nieqsa imma kienet se tixxekkel dak il-lejl stess meta ttradih għal tliet darbiet minkejja li hu qal li kien lest li jmur il-ħabs u jmut għalih.

## Ġesù jwissi lill-Appostli (22,35-38)

It-twissija li Ġesù għamel lill-Appostli kienet magħmula b'figuri: jieħdu l-borża, il-ħorġa u sejf; hekk kienu jagħmlu l-Esseni meta jivvjaġġaw biex jiddefendu ruħhom mix-xkiel li jiltaqgħu miegħu matul il-vjaġġ. Ġesù ried iwissi b'dawn il-figuri li kien wasal għalihom żmien it-taqbida tagħhom kontra l-għedewwa. Imma huma ma fehmu xejn. Meta qalulu li kien hemm żewġt isjuf u wrew li ma kinux fehmu t-twissja, Ġesù ma riedx jaħli ż-żmien magħhom, u qalilhom: "Biżżejjed".

## Ġesù jitlob fil-ġnien taż-żebbug (22,39-46)

Wara li ħareġ mill-ikla, Ġesù mar lejn l-Għolja taż-Żebbuġ fejn kien jgħaddi l-lejl fil-jiem ta' qabel. L-Appostli kienu miegħu u hu wissihom biex jitolbu biex ma jaqgħux fit-tiġrib. Imbagħad talab lil Missieru biex jekk jista' jkun jitwarrab minnu dak il-kalċi (ta' l-imrar); imma talab ukoll li tkun magħmula r-rieda tal-Missier u mhux tiegħu.

Billi Ġesù kellu n-natura umana bħal tagħna, deherlu anġlu jikkonslah. Ħass il-kefrija li kienet waslet fuqu, beża' u minħabba t-tensjoni kbira jgħeraq l-għaraq tad-demm fis-sens proprju tal-kelma. F'din id-deskrizzjoni, Luqa juża għal darb'oħra kliem tat-tobba Griegi.

Kif qam mit-talb, lemaħ id-dixxipli reqdin minħabba s-swied il-qalb, u ċanfarhom bil-ħlewwa. "Qumu u itolbu biex ma tidħlux fit-tiġrib", qalilhom.

## Ġesù ttradut u arrestat (22,47-53)

Kif Ġesù kien għadu jitkellem waslu dawk li nbaghatu biex jarrestawh b'Ġuda quddiem biex jurihom min hu l-Imgħallem. Kienet bewsa li jagħtu d-dixxipli lill-imgħallmin tagħhom, imma fiċ-ċirkostanza kienet bewsa ta' kuntrast, kif juri kliem Ġesù: turi l-imgħallem u fl-istess ħin bewsa li tittradih. Id-dixxipli tħajjru jagħtu bis-sejf u wieħed minnhom (Pietru) ħa s-sejf u qata' widint il-qaddej tal-qassis il-kbir (jismu Malku). Imma Ġesù waqqaf l-għawġ li nqala' u fejjaq il-widna tal-qaddej. Imbagħad ċanfar lir-rappreżentanti tas-Sinedriju għax marru għalih qishom biex jaqbdu xi ħalliel, għalkemm qabel kien ikun magħhom kuljum fit-tempju. Ried jgħidilhom li kienu nies li jibżgħu, u li issa waslu jagħmlu dak li ilhom jixtiequ jagħmluh għax kienet issa s-siegħa tagħhom u tad-dlamijiet (ta' Satana). Is-"siegħa tad-dlamijiet" għandha tiftiehem b'rebħa ta' Ġesù fuq Satana għax fiha twaqqfet ir-redenzjoni.

## Iċ-ċaħdiet ta' Pietru (22,54-62)

Luqa ma jirrakkontax dwar dak li ġara f'dak il-lejl tal-biża' quddiem Anna u Kajfa. Imma jġib it-tliet ċaħdiet ta'



Pietru bi kliem ta' rispett (iħalli barra l-ħalf u l-ġurament tiegħu) u jagħmel enfasi fuq s-sogħba li ħass meta "ħareġ 'l barra jibki b'qalbu maqsuma."

## Ġesù mżeblaħ u msawwat (22,63-65)

Luqa ma jgħidx min kienu l-irġiel li għaddew biż-żufjett lil Ġesù u sawwtuh. Ma jidhirx li kienu l-qassisin il-kbar, nies ta' dinjità. L-istess irġiel qabdu jgħajjruh "b'ħafna kliem ieħor" ma' dak ta' qabel: biex jaqta' min kien tah id-daqqa. Luqa ma jgħidx li beżqulu fuq wiċċu, kif hemm f'Mattew u f'Marku; hawn ukoll Luqa juri s-sentimenti umanistiċi ta' kittieba ellenista.

## Ġesù quddiem is-Sinedriju (22,66-71)

Kif ġa għidna, Luqa ma jitħadditx fuq l-interrogatorji ta' matul il-lejl quddiem Anna u Kajfa, li kienu biss mistoqsijiet preparattivi għal dawk definittivi ta' quddiem is-Sinedriju li sar filgħodu. Skond is-sistema tiegħu ta' eliminazzjoni, Luqa jgħaqqad l-interrogatorji flimkien fil-laqgħa solenni tas-Sinedriju li bilfors kellha ssir matul il-jum. F'din il-laqgħa ma setax jintilef iż-żmien. Billi ma nstabux xhieda li jaqblu matul il-lejl, Ġesù ġie mistoqsi jekk kienx il-Messija. Hu kkwotalhom il-pass ta' Danjel dwar Bin-il-bniedem (Dan 7,13), titlu mogħti biss lil David u lill-Messija, applika t-titlu għalih innifsu, u tenna jgħid li Bin il-bniedem "minn issa 'l quddiem ikun bil-qiegħda n-naħa tal-lemin ta' Alla li jista' kollox"; Mattew iżid: "u ġej fuq is-sħab tas-sema" (figura ta' qawwa divina). Huma fehmu li qalilhom li hu l-Iben ta' Alla, u fehmu wkoll li għamel lilu nnifsu Alla. Għalihom, dik kienet dagħwa kbira li titlob il-piena tal-mewt. U qatgħuhielu għall-mewt (Mat 26,66). Hawn sar żball kbir fil-proċedura legali lhudija għax ma setgħux jagħtu kundanna mingħajr qbil ta' xhieda.

## Ġesù quddiem Pilatu u Erodi (23,1-12)

Il-Lhud, billi r-Rumani ħadulhom minn idejhom is-sentenza kapitali, kellhom jibagħtu lil Ġesù għand Pilatu biex jagħmel valida s-sentenza tagħhom. Ta' giddibin li kienu,





qegħidu quddiemu tliet raġunijiet fuq livell politiku: li xewwex in-nies, li ma ħalliex lil min iħallas it-taxxa lil Ċesri, u li għamel lilu nnifsu sultan. Kif sema' dan, Pilatu staqsa lil Ġesù jekk kienx tassew li għamel lilu nnifsu sultan, u Ġesù wieġbu "Dan int qiegħed tgħidu." Il-gvernatur fehem tajjeb is-sitwazzjoni u tenna l-kliem tal-liġi rumana li fih ma hemmx ħtija. Imma meta huma baqgħu jinsistu, fehem li jkun aħjar għalih li jibgħat lil Ġesù għand Erodi Antipa li taħtu kienet il-Galilija mnejn ġie l-mixli; f'dawk il-jiem is-sultan kien Ġerusalem.

Erodi feraħ meta sema' li se jara lil Ġesù għax kien ilu jisma' bih u jixtieq jarah jagħmel xi miraklu. Għall-mistoqsijiet li għamillu Ġesù ma wieġeb xejn. Waqt li l-kbarat Lhud baqgħu jakkużawh b'saħna kbira, Erodi libbsu libsa tlellex u nfexx jgħaddih għażżufjett mas-suldati tiegħu. Imbaghad bagħatu lura għand Pilatu li f'dik l-okkażjoni minn għedewwa saru ħbieb.

## Ġesù kkundannat għall-mewt (23,13-25)

Pilatu fittex jeħles lil Ġesù u qal lill-kapijiet tal-poplu li la hu u lanqas Erodi ma sabu ħtija fih mill-akkużi li nġiebu quddiemhom. Ġieb il-kompromess li jagħtih is-swat u jitilqu, iżda huma baqgħu jinsistu li Ġesù jkun maqtul u jinħeles Barabba, raġel li qatel f'rewwixta. Il-kapijiet baqgħu jgħajjtu u jitolbu li Ġesù ikun imsallab. Għat-tielet darba, Pilatu fittex jeħles lil Ġesù, imma meta huma baqgħu jinsistu u semmewlu li jekk jeħilsu jiksirha ma' Ċesri, beża' u ta lil Ġesù f'idejhom. Fir-rakkont kollu Luqa jħalli xi dettalji barra, iżda jfittex itaffi l-ħtija ta' Pilatu (biex ma jnaffarx il-gvernaturi Rumani li taħthom kien hemm eluf ta' Nsara) u jagħfas fuq l-innoċenza u l-kalma dinjituża ta' Ġesù.

## Ġesù msallab (23,26-43)

Fit-triq mill-pretorju għall-kalvarju,



Luqa jieqaf fuq żewġ episodji: iċ-Ċirenew li kien ġej mill-għalqa li għabbewh bis-salib biex iġorru ma' Ġesù, u n-nisa li bdew iħabbtu fuq sidirhom u jibku lil Ġesù. Lil dawn in-nisa Ġesù qalilhom biex ma jibkux lilu imma lilhom infushom u lil uliedhom, u permezz ta' proverbi bassrilhom il-qerda li kienet ġejja fuqhom. Il-vers 31 li jgħid: "Għax jekk dan kollu qegħdin jagħmluh liz-zokk meta għadu aħdar, mela xi jsir minnu meta jinxef?" għandu jitfisser hekk: "Jekk issa qed isir dan kollu fuq wieħed innoċenti (iz-zokk aħdar iffisser innoċenza) mela x'se jsir fuq il-bnedmin ħatja?; (iz-zokk niexef hu figura ta' nuqqas ta' innoċenza).

Ma' Ġesù kien hemm żewġt irġiel oħra biex ikunu msallbin. Kif waslu fuq il-post imsejjaħ Qorriegħa (bil-Lhudi Golgotha u bil-Grieg Kalvarion) għax billi hi għolja żgħira fuq muntanja il-post qisu qorriegħa tar-ras, hemm Ġesù ġie msallab fin-nofs tat-tnejn l-oħra. Fuq is-salib, Ġesù l-ewwel talab biex jinħafer id-dnub ta' dawk li salbuh minħabba l-injoranza tagħhom, waqt li l-kapijiet bdew jiddieħku bih u s-suldati jgħadduh biż-żmien u jnewwlulu inbid qares.

L-imġieba taż-żewġ imsallbin miegħu kienet differenti: wieħed beda jgħajjru waqt li l-ieħor ċanfar lil sieħbu, stqarr dnubu u l-innoċenza ta' Ġesù, u talbu biex jiftakar fih meta jidħol fis-Saltna tiegħu. Lil dan Ġesù wieġbu: "Tassew ngħidlek, illum tkun fil-ġenna miegħi." Luqa jsemmi wkoll il-kitba li kien hemm fuq ras Ġesù li tgħid: "Dan huwa s-Sultan tal-Lhud."

## Il-mewt ta' Ġesù (23,44,49)

Bejn nofsinhar u t-tlieta waqgħet dalma kbira fuq il-pajjiż għax ix-xemx iddallmet; Lagrange, Dalman u oħrajn jaħsbu li kienet ekklissi mhux astronomika imma effett ta' sħab iswed. Il-velu tas-santwarju li ċċarrat min-nofs aktarx kien dak li jifred il-post l-iktar qaddis tat-tempju mill-post qaddis fejn kienu jiċċelebraw il-qasisin; dan ifisser li t-Testment il-Qadim kien għadda u beda l-ġdid.

L-aħħar kliem ta' Ġesù kien: "Missier, f'idejk jien nerħi ruħi. Iċ-ċenturjun li kien qed imexxi l-esekuzzjoni, li skond it-tradizzjoni kien jismu Lonġinu, meta ra l-mewta dinjutuża ta' Ġesù, stqarr: "Tassew li dan kien bniedem ġust". Skond Marku, iċ-ċenturjun qal: "Tassew kien Bin Alla". Aktarx li Marku hu iktar preċiż, u Luqa jġib dak li fehem bl-istess kliem iċ-ċenturjun, raġel pagan. In-nies li raw x'ġara bdew iħabbtu fuq sidirhom b'sinjal ta' niket. Luqa b'rispett jgħid li d-dixxipli u n-nisa li kienu ġew warajh mill-Galilija qagħdu jħarsu mill-bogħod, imma ma jgħidx l-għaliex baqgħu 'l bogħod mis-salib. Ġwanni jsemmi lilu nnifsu, lil Marija u n-nisa l-oħra li baqgħu taħt is-salib.

## Id-difna (23,50-56)

Ġużeppi ta' Arimatija mar għand Pilatu u talbu l-ġisem ta' Ġesù biex jidf-

nu fil-qabar tiegħu li kien għadu ħadd ma ndifen fih. Pilatu ma sabx diffikultà li jagħtihulu. Ġużeppi kien membru tas-Sinedriju, raġel ġust li kien jistenna l-Messija. Luqa jagħtina dettal prezzjuż li jgħidilna li hu ma kienx qabel li Ġesù jinqatel. Niżżel lil Ġesù mis-salib, keffnu f'liżar u qegħedu fil-qabar ġdid li kien imħaffer fil-blat. Kien jum it-Tħejjija ftit qabel ma beda s-Sibt, jiġifieri qabel inżul ix-xemx tal-Ġimgħa. Wara Ġużeppi marru wkoll in-nisa twajbin li kienu niżlu ma' Ġesù mill-Galilija, raw il-qabar fejn qegħedu l-kadavru, u reġgħu lura ħalli jħejju il-fwejjaħ u l-mirra biex jidilku bihom il-ġisem. Billi l-qabar kien ftit 'l barra mill-belt, kien hemm żmien biżżejjed li jagħmlu dan. Imbagħad għaddew is-Sibt fil-mistrieħ kif kienet titlob il-liġi.

Ir-rakkont ta' Luqa dwar il-qawmien ta' Ġesù hu iktar komplet minn dak ta' Mattew u Mark.

## Il-qawmien ta' Ġesù mill-imwiet (24,1-12)

Ġesù qam mill-imwiet mal-bidu ta' jum ġdid u ma' l-ewwel jum tal-ġimgħa; beda mela żmien ġdid. Kienet ir-rebbiegħa, l-istaġun meta l-ħajja tkun fl-aħjar tagħha. Dawk li marru ħdejn il-qabar u ħadu magħhom il-fwejjaħ nafu min kienu mill-vers 10 u minn Mark 16,1: Marija ta' Magdala u Ġwanna u Marija ta' Ġakbu z-żgħir u Salome, omm Ġwanni u Ġakbu l-Kbir. Dawn sabu l-ġebla tal-qabar imgerrba; il-qabar imħaffer fil-blat kien jingħalaq b'ġebla kbira titgerbeb fuq gandott. Meta daħlu fil-qabar sabu li kien vojt. Kif in-nisa kienu mħassbin, deherulhom żewġt irġiel (anġli) u qalulhom li dak li kienu qed ifittxu qam. Qalulhom biex jiftakru f'dak li kien qalilhom fil-Galilija: li Bin il-bniedem jingħata f'idejn il-midinbin, ikun imsallab, u fit-tielet jum iqum. Huma ftakru u telqu lura jagħtu l-aħbar lill-ħdax. L-Appostli ma emmnuhomx, imma Pietru ġera lejn il-qabar u ra fih il-faxex biss. Mgħaġġeb, mar lura d-dar.

Mattew u Mark jgħidu li l-anġlu kien wieħed, Luqa u Ġwanni tnejn. Il-fatt hu li l-ewwel aħbar tal-qawmien kienet mogħtija mis-sema. L-istedina ta' l-anġli lin-nisa biex jiftakru f'dak li intqal fil-Galilija saret biex tikkonferma l-fatt. Li l-Appostli ma emmnux lin-nisa jfisser li qabel il-qawmien ta' Ġesù ma kinux jifhmu sewwa dak li kien qalilhom: li kellu jmut u jqum; ifisser ukoll li l-predikazzjoni tagħhom ta' wara Għid-il Ħamsin dwar il-qawmien ta' Ġesù kienet mibnija fuq konvinzjoni personali u mhux fuq għidut jew qlajja.

## It-triq ta' Għemmaws (24,13-35)

Id-dehra lid-dixxpli ta' Għemmaws iġibha Luqa fit-tul u Mark f'żewġt ivrus biss (Mk 16,12-13) mingħajr ma jsemmi l-isem tar-raħal. Ir-rakkont ta' Luqa jidher li kien jintuża fil-liturġija ta' l-ewwel komunitajiet insara u jista' jkun li tlibbes b'termini ewkaristiċi (ara vers 30) biex juri li l-Ewkaristija tgħaqqad lil min jirċiviha ma' Kristu rxoxt fil-hena u l-glorja tas-sema. Il-ħsibijiet li fih ir-





rakkont huma profondi. Barra t-traċċi liturġiċi fir-rakkont, wieħed jinnota punti ta' katekeżi li jiswew ħafna għar-riflessjoni; per eżempju l-fatt li d-dixxipli, li kienu jafu tajjeb lil Ġesù, ma għarfuhx ħlief wara l-qsim tal-ħobż.

Ir-rakkont hu wisq sabiħ u għani fil-ħsibijiet biex jiġi mqassar; għandu jinqara kollu b'riflessjoni u kalma. Id-dehra ta' Ġesù saret fl-istess jum tal-qawmien u fit-triq lejn Għemmaws, aktarx dak msejjaħ "El-Qubbejbe" li mhux 'il bogħod wisq minn Ġerusalem. Luqa jgħid li d-dixxpli kienu qalbhom sewda u maqtugħa, u jagħtina l-isem ta' wieħed biss: Kleofa. Kellhom qalbhom maqtugħa u tilfu t-tama f'Ġesù għax "kienu ġà għaddew tliet ijiem" (mill-mewt tiegħu). Qalu li n-nisa qalulhom li issa qam u huma nħasdu. Imbagħad Ġesù ċanfarhom u beda jfissrilhom l-Iskrittura li l-Messija kellu jqum. Meta waslu fir-raħal, Ġesù kiel magħhom, għarfuh u ma deherx iktar. Imbagħad huma marru Ġerusalem u sabu lill-ħdax li tarfulhom li "il-Mulej qam tasssew, u deher lil Xmun". Minnaħa tagħhom, Kleofa u sieħbu tarrfu lill-ħdax b'dak li kien għadu kemm ġralhom fit-triq u kif għarfuh fil-qsim tal-ħobż.

Rigward jekk fl-ikla ta' Għemmaws Ġesù kkonsagrax il-ħobż jew le, il-kummentaturi ma jaqblux bejniethom; Santu Wistin u oħrajn jgħidu iva, il-kotra jżommu li kienet ikla ta' l-imħabba li tfisser l-hena ġejjieni fis-sema.

## Id-dehra lid-dixxipli (24,36-49)

Mad-dehra lil Pietru u lid-dixxipli ta' Għemmaws Luqa jżid din id-dehra li saret lill-Appostli miġburin flimkien. Luqa juri ċar li hawn jiddependi mit-tradizzjoni li tinsab fl-Evanġelju ta' Ġwanni u mhux mit-tradizzjoni ta' Mattew u Mark.

Meta d-dixxipli raw lil Ġesù twerwru għax ħasbu li kien xi fantażma. L-ewwel selmilhom "Is-sliem għalikom", it-tislima li kien dejjem jagħti Ġesù wara l-qawmien. Imbagħad qalilhom biex ma jitħawwdux, uriehom idejh u

riġlejh u kiel quddiemhom l-biċċa ħuta mixwija li ressqulu huma. Fakkarhom li meta kien għadu magħhom qalilhom: "Jeħtieg li jseħħ kull ma nkiteb fuqi fil-Liġi ta' Mosè, fil-Profeti u s-Salmi" (it-tliet taqsimiet tat-Testment il-Qadim).

"Mbagħad fetħilhom moħhom", ħaġa li Ġesù ma kienx jagħmel meta kien fil-ġisem mortali tagħna. Issa, bil-ġisem glorjuż tiegħu, beda relazzjoni ġdida mad-dixxipli, relazzjoni iktar profonda li tfisser bil-qawwa tal-fidi t-tagħlim profond ta' l-Evanġelju.

Fl-aħħar fissrilhom dak li kien inkiteb fuqu fit-Testment il-Qadim: li l-opra tal-Messija jkollha żewġ stadji: dik tal-mewt u l-qawmien, u dik tal-Knisja missjunarja li tagħti dawl lill-ġnus li huma (l-Appostli) huma xhieda tagħha. Imbagħad wegħdhom il-miġja ta' l-Ispirtu s-Santu; għalhekk ordnalhom biex jibqgħu fil-belt sakemm Alla jlibbishom bil-qawwa tiegħu (nhar Għid-il Ħamsin).

## It-tlugħ fis-sema (24,50-53)

Meta wieħed jaqra dan l-Evanġelju, jaħseb li t-tlugħ fis-sema sar nhar l-Għid, imma Luqa ma riedx li jiftiehem hekk; ried jorbot il-qawmien mat-tlugħ fis-sema (il-glorifikazzjoni ta' Ġesù) u Għid-il Ħamsin li jagħlaq il-missjoni ta' Ġesù u tibda dik ta' l-Ispirtu s-Santu.

Il-ġrajja saret fuq l-Għolja taż-Żebbuġ, 'il fuq minn fejn bdiet l-agonija, minn ħdejn Betanja, fejn kien midluk bil-fwejjaħ qabel il-passjoni. L-Insara tal-bidu kienu jilmħu fit-tlugħ fis-sema s-sbuħija ta' l-inċens tielgħa 'l fuq mat-talb tagħhom.

Luqa jagħlaq ir-rakkonti tiegħu bil-barka mogħtija mill-Imgħallem glorjuż lid-dixxipli fidili tiegħu u bil-ferħ u t-talb tagħhom magħqudin f'għaqda ta' mħabba bejniethom. Il-ħajja ta' Ġesù fostna bdiet bis-sliem li ħabbru l-anġli fit-twelid u għalqet bis-sliem u l-barka mogħtijin minnu.



# IL-BIBBJA F'IDEJNA

*Minn Jannar ta' din is-sena l-Kummissarjat ta' l-Art Imqaddsa f'Malta beda jippubblika fuljett ta' erba' paġni kull xahar jismu* ***Il-Bibbja f'idejna****. Dan il-fuljett, li jitratta kull xahar tema biblika jew Ktieb tal-Bibbja, huwa prinċipalment indirizzat għall-gruppi ta' talb u gruppi li jixtiequ jkollhom f'idejhom materjal bibliku għal-laqgħat tagħhom. Fil-fatt dan il-fuljett joffri wkoll għażla ta' siltiet bibliċi għad-diskussjoni kif ukoll xi mistoqsijiet li jistgħu jintużaw bħala punti ta' tluq għad-diskussjoni fil-gruppi.*



*Il-ħarġa ta' Jannar bħala titlu kellha* ***Kif taqra l-Bibbja****, filwaqt li l-ħarġa ta' Frar kellha bħala titlu* ***Ġenesi, Ktieb in-Nisel.*** *Il-harga ta' Marzu bħala titlu ser ikollha Eżodu, Ktieb il-Ħelsien. Għall-Għid din is-sensiela l-ġdida ser ikollha Suppliment bit-titlu Kif titlob bil-Bibbja.*

*Il-fuljett huwa idejali għall-gruppi li jixtiequ jkollhom formazzjoni biblika. Il-fuljett jinbiegħ mill-Kummissarjat ta' l-Art Imqaddsa, 8 Triq Santa Lucija, Il-Belt (Tel: 21 242254) bil- prezz ta' 5 ċenteżmi. Abbonament li jasal id-dar bil-posta jiswa Lm 2.00 fis-sena.*

*Il-fuljett huwa kumplimentari għar-Rivista Biblika L-Art Imqaddsa li toħrog kull xahrejn mill-Kummissarjat ta'l-Art Imqaddsa.*

*Kitba ta' Godfrey Kloetzli*

# Il-belt ta' Akri (Akko)

San Franġisk ta' Assisi wasal fl-Art Mqaddsa fis-sena 1219, meta sbarka fil-port Kruċjat ta' San Ġwann ta' Akri. Din il-belt hi waħda mill-eqdem u tissemma saħansitra fl-Ittri ta' Tell Amarna. Dawn l-ittri, xi tliet mija b'kollox, imorru lura għar-renji tal-Farawni Eġizzjan Amenhotep III u ibnu, il-famuż Ikhnaton bejn l-1411 sal-1350 qK. Fil-Kotba Mqaddsa tissemma' fil-Ktieb ta' l-Imħallfin (1,33) bħala parti mit-territorju mogħti lit-Tribu ta' Aser. Ħafna Griegi, bħalma kienet l-użanza, stabbilew rwieħhom hawnhekk u f'portijiet oħra. Akko, kif kienet magħrufa il-belt dak iż-żmien, kien isem imnissel mil-kelma Aka li tfisser 'kura'. Dan għaliex kien jingħad li Erkole, midrub serjament, kien ġie hawn u sab pjanti aromatiċi u ħwawar li fejquh. Fl-epoka Rumana kienet saret ċentru kbir ta' sajd tant li f'dak iż-żmien kien sar popolari il-qawl, "Hemm bżonn li wieħed iġib ħut f'Akko?".

Fi żmien il-Griegi u r-Rumani kienet tissejjaħ Ptolemajs wara Ptolemew II, Re ta' l-Eġittu, li bena l-fortifikazzjonijiet tal-belt fil-261 qK. Fl-Atti ta' l-Appostli tissejjaħ b'dan l-isem fir-rigward ta' wieħed mill-vjaġġi li għamel San Pawl; "Komplejna l-vjaġġ bil-baħar u minn Tir wasalna Ptolemajs; sellimna lill-aħwa u għaddejna ġurnata magħhom" (Atti 27,1).

L-istorja kbira tagħha tibda tassew bil-Kruċjati. Huma għamluha il-port prinċipali tagħhom u tawha l-isem ta'



San Ġwann ta' Akri, għaliex il-Kavallieri ta' San Ġwann kellhom il-kwartieri ġenerali tagħhom hawn. Dawk kollha li kienu jiġu mill-Punent, kemm Kruċjati jew pellegrini, kienu jiżbarkaw hawn. Kif ġa ingħad, kien hawn li wasal San Franġisk fl-1219. Dan il-fatt huwa mfakkar illum permezz ta' triq imsemmija għalih. Id-data hi miktuba fuq il-plakka li ġġib isem it-triq.

Wara l-battalja disastruża ta' Ħattin fl-4 ta' Lulju 1187, fejn l-armata Kruċjata ġiet mirbuħa kompletament,



Akri ċediet lil Saladin. Sentejn wara, ir-Re ta' Gerusalem, Guy de Lusignan, attakka l-belt. Għal-ewwel kellu 900 ruħ, bejn suldati u kavallieri iżda malajr ingħaqdet miegħu l-Ewropa kollha. Eluf ta' ġellieda ġew mill-Frisja u d-Danimarka. Warajhom waslu qtajja ta' Ingliżi u Fjammingi. Id-Duka ta' Swabia wasal b'ħamest elef suldat, warajh ġie Rikkardu Qalb ta' Ljun mill-Ingilterra u Filippu Awgustu minn Franza. Wara ħafna taqbid aħrax il-belt waqgħet f'idejn l-Insara fit-12 ta' Lulju 1191. Peress li ma rnexxilhomx jirbħu lura il-belt ta' Ġerusalem, il-Kruċjati stabbilew il-kapitali tagħhom f'din il-belt, u tawha l-isem ta' San Ġwann ta' Akri. Irnexxielhom iżommuha għal kważi mitt sena eżatt sal-ġurnata. Il-belt intilfet definittivament fit-18 ta' Mejju 1291 bħala riżultat ta' ġlied intern u għira bejniethom.

Il-belt li kienet darba sinjura bil-mod il-mod waqgħet f'rovina u abbandun sa l-1749 meta, taħt it-tmexxija tax-Sheikh Bedwin, Daher el'Omar, reġa' bdiet tiġi ppopolata u mkabbra. Daher el'Omar bena mill-ġdid il-ħitan tal-belt u waqqaf ir-residenza uffiċjali tiegħu hemm. Ġie maqtul fl-1775 minn wieħed Aħmad, Paxa Bosnjam. Dan ta' l-aħħar, minħabba il-ħruxija tiegħu, kien imlaqqam "Jazzar" mill-Għarab, li tfisser "Ħanxar l-għonq". Aħmad baqa' jaħkem fil-belt sa l-1805 u tella' ħafna bini. Saħħaħ il-fortifikazzjonijiet tal-belt, bena ħafna postijiet pubbliċi li jinkludu il-moskeja il-kbira li sa din il-ġurnata ġġib ismu. Kien fiż-żmien it-tmexxija tiegħu li Napuljun ittenta jirbaħ il-belt. Iżda il-flotta Ingliża, taħt it-tmexxija ta' l-Ammirall Sir Sidney Smith daħlet biex tgħin lil Jazzar u Napuljun ġie mirbuh u mkeċċi mill-Palestina.

Illum Akri, jew biex insejħula bl-isem li l-Lhud reġgħu tawha Acco, hi belt pittoreska ħafna. Minkejja li kemm il-belt il-qadima u dik moderna huma fil-predominaza tagħhom Lhud, għad fadal komunitajiet żgħar Insara u Musulmani. Fid-deskrizzjoni tiegħi tal-postijiet ta' interess li wieħed jista' jżur qed nieħu spunti mill-*Guide to the Holy Land* ta' Fr. Eugene Hoad, ippublikat mill-Franciscan Printing Press ta' Ġerusalem.

Kif nidħlu fil-belt il-qadima ngħaddu mill-Bieb ta' l-Art u naqsmu fuq żewġ fossijiet niexfa minn ġewwa l-ħitan mibnija minn Daher el'Omar u s-suċċessur tiegħu el-Jazzar. Naslu mill-ewwel fuq pjattaforma mgħollija fejn fuqha hemm il-Moskeja ta' Jazzar probabilment mibnija fuq ir-rovini tal-Katidral tas-Salib Mqaddes ta' żmien il-Kruċjati. Din il-moskeja imponenti hi mdawwra b'bitħa sabiħa li hi magħluqa b'kolonnata bil-koppli. L-oqbra ta' Jazzar u s-suċċessur tiegħu Suleinjan jinsabu hawn.

Kif inħallu l-moskeja naslu għall-Mużew Muniċipali, bini li qabel kien il-Banju Tork Hammam el-Basha. Il-mużew hu mimli b'oġġetti arkeoloġiċi misjuba fiz-zona ta' madwar. Hawn insibu materjal mill-Epoka Preistorika flimkien ma' dawk mill-epoki Eġizzjani, Griegi, Rumani, Kruċjati u Għarab. Ma' dawn wieħed irid iżid il-Banju nniffsu li hu struttura interessanti ħafna.

Jekk nerġgħu lura ħdejn il-Moskeja ta' Jazzar nistgħu nidħlu f'għadd ta' kmamar kbar bis-saqaf arkat ta' żmien il-Kruċjati. Fost dawn hemm il-kamra sabiħa magħrufa bħala is-Sala ta' San Ġwann li probabilment kienet il-sala tal-pranzu tal-Kavallieri ta San Ġwann. F'kantuniera insibu ġilju ta' San Ġużepp (fleur de lys) imnaqqax b'sengħa kbira li aktarx sar biex jikkommemora ż-żjara ta' San Lwiġi ta' Franza. Hu kien mexxa is-7 u t-8 Kruċjata. Hu kien imbarka lejn it-tmiem ta' l-1248 u ħataf il-belt ta' Damjetta is-sena ta' wara. Waqt li kien fi triqtu biex jattakka il-Kajr, ġie maqbud u wara li tħallas ir-riskatt mar Akri fl-1250. San Lwiġi baqa' fl-Art Mqaddsa għal erba' snin qabel ma mar lura Franza. Reġa' telaq lejn l-Art ta' Kristu fl-1267 Iżda miet f'Kartaġni fl-1270 bil-kliem, "Ġerusalemm, Ġerusalemm" fuq fommu.

Passaġġ sigriet mis-Sala ta' San Ġwann iwassal sal-baħar u min iżur il-post jista' isegwi dan il-passaġġ għall-biċċa l-kbira tiegħu. Fit-tarf tal-passaġġ, li hu miftuħ għall-viżitaturi, wieħed isib serje oħra ta' swali ta' żmien il-Kruċjati. Originarjament dawn kienu jagħmlu parti mill-kwartieri ta' l-isptar tal-Kavallieri ta' San Ġwann.

Wieħed jista' jara l-fdalijiet ta' tliet dverni tal-karavanijiet ta' żmien l-Għarab. L-ewwel jisimha Khan el-Umdan, jew Dverna tal-pilastri għaliex il-bitħa interna hi mdawwra kollha kemm hi bil-pilastri tal-granit aħmar u iswed, miġjub mir-rovini ta' Ċesarija iżda li originarjament kien inġieb mill-



Eġittu. It-tieni dverna jisimha Khan el-Efranj, jew Dverna ta' l-Ewropej waqt li it-tielet tissejjaħ Khan Shawarda.

Wieħed jista' jara fdalijiet ta' bini Tork u ta' żmien il-Kruċjati kullimkien fi ħdan il-ħitan ta' Akri: btieħi u toroq pittoreski; Bazaars u ħwienet żgħar u



ħelwin. Faċilment wieħed jieħu lilu nniffsu lura għal żmien Akri tal-qedem.

Il-Khan el-Efranj hu maħsub li nbena fuq il-post fejn kien hemm il-kunvent tal-Klarissi. Il-knisja u l-iskola Franġiskana illum jinsabu fil-perimetru ta' dan il-Khan.

Il-Khan el-Umdan inbena minn El-Jazzar fl-1785 fuq ir-rovini tal-kunvent Dumnikan. F'waħda mid-daħliet ta' dan il-Khan hemm Torri ta' l-Arloġġ li inbena fl-1906 biex jikkommemora il-ġublew tas-sultan Tork 'Abdul Hamid II.

Iċ-Ċittadella mibnijja minn Jazzar fuq pedament ta' żmien il-Kruċjati tinsab fil-majjistral tal-belt. Fi żmienijiet differenti ntużat bħala post ta' irqad għas-suldati, maħżen ta' l-armi u ħabs. Parti minnha illum għadha tintuża bħala sptar. Fiċ-Ċittadella insibu wkoll il-Mużew tal-Kuraġġ, bħala tifkira tal-ġellieda Lhud li ġew ġustizzjati hemm. Prattikament ma fadal xejn minn Akri Biżantina.

Fis-26 ta' Marzu 1969 triq fil-belt issemiet għal San Franġisk ta' Assisi biex tfakkar is-750 anniversarju tal-wasla tiegħu f'Akri. Fil-11 ta' Ġunju ta' l-istess sena, ir-rabtiet bejn l-Italja u Akri ġew immarkati billi lil diversi pjazzez u toroq ingħataw l-ismijiet ta' bliet marittimi Taljani li kellhom sehem kbir fil-Kruċjati, fosthom Ġenova, Pisa, Venezja u Amalfi. Marco Polo wkoll żar din il-belt u huwa mfakkar bi pjazza żgħira.

Mal-baħar nistgħu naraw żewġ portijiet, dak fuq in-naħa ta' ġewwa kellu hafna torrijiet bħala difiża, dawn huma parżjalment viżibbli fil-baħar. Il-moll tal-qedem kien iwassal sa El Manara (Fanal), darba imsejjaħ it-Torri tad-Dubbien.

Kitba ta' Noel Muscat

# Ġesù Kristu Omileta

L-istudji li saru dwar il-persuna storika ta' Ġesù ta' Nażaret, dwar il-kliem u l-għemil tiegħu, jgħinu biex wieħed jipprova jifhem il-ħidma omiletika ta' Ġesù. Meta ngħidu ħidma omiletika nifhmu azzjoni ta' xandir tal-bxara t-tajba li hi distinta mill-predikazzjoni ta' Ġesù. Jeħtieġ li naraw kif l-Evanġelji jattribwixxu għal Ġesù attività ta' natura omiletika. Hu diffiċli ħafna li nippretendu li fl-Evanġelju nsibu mudelli ta' omeliji li għamel Ġesù fil-ministeru messjaniku tiegħu. Fi kliem ieħor, ma jistax ikun nippretendu li fl-Evanġelji se nsibu l-kliem eżatt li bih Ġesù inqeda biex għamel omeliji fis-sens eżatt tal-kelma griega *homilein* (tiddjaloga, titkellem ma' xi ħadd, tagħmel diskors). Minkejja kollox, fost il-materjal letterarju ta' l-Evanġelji li fih jidwu ċertament il-kliem ta' Ġesù storiku, nistgħu nidentifikaw xi kontenuti omiletiċi.

Għidna li l-omiletika hi distinta mill-predikazzjoni. Dan hu fattur importanti, għaliex filwaqt li, bil-kelma "predikazzjoni" nifhmu kull tip ta' xandir tal-Kelma ta' Alla, f'kull kuntest, żmien, kultura u ambjent, bil-kelma "omelija" nifhmu x-xandir tal-bxara t-tajba fil-kuntest ċelebrattiv liturġiku (fis-sens kristjan) u sinagogali (fis-sens lhudi). Għaldaqstant irridu nfittxu l-intenzjoni ta' Ġesù bħala bniedem storiku, li jrid jgħaddi tagħlim marbut essenzjalment mal-kult sinagogali. Dan nindunaw bih permezz ta' l-użu ta' verbi bħal "tgħallem" (*didasko*), "ixxandar" (*kerysso*), "tevanġelizza" (*euanghelizo*), u ta' riferimenti espliċiti għas-"sinagoga" u għall-jum tas-"Sibt". Hu għalhekk importanti, li qabel ma nitkellmu dwar Ġesù bħala omileta, naraw il-kuntest lhudi li fih Hu kien jgħallem fl-ambjent liturġiku-sinagogali.

## Ġesù u l-omelija fis-sinagoga Lhudija

Ix-xhieda ta' Filone ta' Lixandra tagħtina ħjiel dwar kif setgħet kienet tkun magħmula ċ-ċelebrazzjoni sinagogali u l-qagħda ta' l-omelija fil-kuntest ta' din iċ-ċelebrazzjoni fl-ewwel sekli ta' l-era kristjana. B'dan il-mod inkunu nistgħu nifhmu xi ftit l-ambjent li fih Ġesù seta' wettaq l-attività omiletika tiegħu.

Il-liturġija sinagogali kienet issir filgħodu tas-Sibt. Kienet tibda billi kulħadd preżenti fis-sinagoga kien idur iħares lejn id-direzzjoni tal-bieb tas-sinagoga, li dejjem kien iħares lejn Ġerusalem (ara Mt 6,5; Mk 11,25; Lq 18,11). F'dak il-ħin kienet tingħad b'mod solenni l-istqarrija tal-fidi Lhudija, Shemà Israel ("Isma' Israel" Dt 6,4-9). Din kienet tiġi mxandra mis-



*saliah*, li kien ikun membru tal-ġemgħa li jkun ġie magħżul apposta mir-*rosh hakkenesth*, jew kap tas-sinagoga. Għal din l-istqarrija ta' fidi kulħadd kien iwieġeb Amen.

Wara dan il-kap tas-sinagoga kien jagħżel lettur. Sadanittant il-*hazzan*, jew il-qaddej (ara Lq 4,20) kien joffri r-romblu li minnu kien isir il-qari (ara Lq 4,16). Hu diffiċli nkunu nafu jekk kienetx diġà daħlet id-drawwa li diversi letturi jaqraw ftit vrus wieħed wara l-ieħor, bil-barka fil-bidu u fit-tmiem ta' kull qari, inkella jekk lettur wieħed kienx jaqra kollox, kif jidher li kienet id-drawwa fost il-Lhud tad-djaspora. Importanti kien, iżda, li xi ħadd jittraduċi l-qari, għax il-Kelma ta' Alla kienet tinqara bil-Lhudi, li ħafna nies ma kienux jafuh. Kien meħtieġ li t-tradut-tur, jew *meturgeman*, jaqleb il-kliem mit-test Lhudi għall-ilsien tal-poplu, li kien l-Aramajk. Xhieda ta' dan insibuha ċara fil-Ktieb ta' Neħemija 8,8, fejn jingħad li l-qari tal-ktieb tal-liġi ta' Alla kien jiġi segwit minn spjegazzjoni biex in-nies jifhmu l-qari. Mela spjegazzjoni mhux fis-sens ordinarju ta' kumment fuq il-kelma, imma fis-sens ta' traduzzjoni tal-kelma, li setgħet ukoll tieħu għamla ta' kummentarju.

Il-qari mill-Iskrittura kien isir f'żewġ mumenti. L-ewwel qari kien ikun silta mit-Torah, jew liġi ta' Alla, l-ewwel ħames kotba tal-Bibbja, jew Pentatewku. Din is-silta kienet tissejjaħ *parashah*. Warajha kienet tinqara silta mill-Kotba tal-Profeti, u din kienet tissejjaħ *haftara*. L-eqdem xhieda u l-aktar waħda żgura ta' dan il-qari doppju nsibuha f'Atti 13,15, fejn fis-sinagoga ta' Antjokja ta' Pisidja, "wara l-qari tal-Liġi u tal-Profeti", Pawlu u Barnaba jiġu mistiedna mill-kapi tas-sinagoga biex jgħidu kliem ta' tħeġġiġ lill-poplu (appuntu, biex jagħmlu omelija).

Filwaqt li l-qari tat-Torah kien isegwi dik li llum insejħulha *lectio continua*, jiġifieri siltiet li kienu jkomplu waħda wara l-oħra kull ġimgħa, il-qari mill-Profeti ma kienx isegwi l-istess ordni. Ma nafux jekk dan it-tieni qari, il-*haftara*, billi ma kienx fiss, setax jiġi magħżul mill-qarrej u jekk din kienetx drawwa stabilita. Fil-bidu tal-kristjaneżimu, fil-liturġija sinagogali, kien hemm ċiklu għall-ewwel qari (*parashah*) li kien magħmul minn 154 silta (għal perjodu ta' tliet snin), jew minn 175 silta (għal perjodu ta' tliet snin u nofs).

Wara l-qari tal-Liġi u tal-Profeti, il-kap tas-sinagoga kien jaħtar lil xi ħadd minn dawk preżenti biex jagħmel id-*derasha*, appuntu l-omelija. Dak kien jiżviluppa t-temi tas-siltiet bibliċi li jkunu inqraw billi jibqa' bilqiegħda (ara Lq 4,20). Wara l-omelija kienet tingħata l-barka minn xi qassis, jekk dan kien ikun preżenti. Jekk ma kienx ikun hemm qassis il-barka kienet tiġi reċitata mill-*hazzan*, jew qaddej tas-sinagoga.

L-omelija sinagogali kellha introduzzjoni (*petihah*), li kienet tista' tit-qjies bħala omelija ċkejkna fil-kuntest ta' l-istess omelija. Kellha wkoll konklużjoni (*hatimah*). Il-ftuħ ta' l-omelija seta' jkollu forom diversi. Metodu komuni kien dak tal-ftuħ sempliċi, li kien jikkonsisti filli min jagħmel l-omelija jibda billi jikkwota silta biblika li, diversi drabi, kienet tkun differenti minn dawk li nkunu nqraw fil-*parashah* u fl-*haftarah*. Metodu ieħor kif kienet tibda l-omelija kien dak magħruf bħala *yelammedenu*, jew "jgħallimna", li kien jikkonsisti billi l-omileta jibda bil-kelmiet: "Jalla l-imgħallem tagħna jgħallimna...". L-aħħar metodu kien dak li wieħed jibda l-omelija billi jlis-sen kliem ta' barka li fih kien jiġbor silta biblika li tkun kapaċi li tifforma t-tema ta' l-omelija. Il-konklużjoni ta' l-omelija ġeneralment kien ikollha kliem ta' faraġ u kienet tistieden għall-attenzjoni għall-aħħar żminijiet. Fuq kollox kienet tinsisti dwar it-tama fil-Messija u fid-dinja li għad trid tiġi.

L-istudju dwar l-omeliji ta' Ġesù fil-liturġiji sinagogali jista' jsir fuq żewġ

livelli: fuq il-livell ta' Ġesù storiku u fuq dak tar-redazzjoni ta' l-Evanġelji. Qabel ma naraw dan id-diskors fuq il-livell ta' Ġesù storiku, u l-kliem li Hu seta' qal u li nsibuhom fl-Evanġelji, naraw il-livell redazzjonali. B'dan nifhmu żewġ omeliji li Ġesù għamel fis-sinagoga, skond l-evanġelisti Luqa u Ġwanni. Is-siltiet li sejrin naraw huma dawk ta' Lk 4,17-27 (Ġesù fis-sinagoga ta' Nażaret) u Ġw 6,25-59 (id-diskors ewkaristiku ta' Ġesù fis-sinagoga ta' Kafarnahum).

Fil-każ ta' Ġw 6,25-59 ma tantx insibu dettalji, għalkemm is-silta hi kummentarju twil dwar ir-riflessjoni li Ġesù jagħmel fuq it-tema tal-manna-ħobż li jinżel mis-sema, li l-Missier jagħti lill-bnedmin biex ikollhom il-ħajja ta' dejjem. F'Ġw 6,59 jingħad espliċitament li Ġesù għallem dan kollu "fis-sinagoga ta' Kafarnahum". Ninnutaw żewġ kelmiet importanti, jiġifieri "tagħlim" (*didasko*) waqt iċ-ċelebrazzjoni tas-Sibt fis-"sinagoga" (*synagogê*). Il-kontenut omiletiku ta' Ġesù jinsab x'aktarx fl-ewwel taqsima tas-silta, jiġifieri f'Ġw 6,25-51. Il-*parashah* x'aktarx kienet tikkonsisti fir-rakkont tal-manna mill-Ktieb ta' l-Eżodu 16, filwaqt li l-*petitah* setgħet kienet is-Salm 78,24: "xita ta' manna bagħatilhom x'jieklu, tahom il-qamħ mis-sema". It-tieni taqsima (Ġw 6,52-58) għandha x'taqsam ma' djalogu bejn Ġesù u l-Lhud dwar il-ħobż ħaj li jinżel mis-sema. Din tista' tirreferi għal mument ieħor importanti tal-laqgħat sinagogali ta' jum is-Sibt, jiġifieri l-laqgħa ta' tagħlim li kienet issir is-Sibt wara nofs in-nhar f'ambjent qrib l-ambjent tat-talb tas-sinagoga proprja. F'Kafarnahum hemm eżempju tajjeb ta' dan l-ambjent maġenb is-sinagoga prinċipali.

Jidher li hi aktar ġara s-silta minn San Luqa (Lq 4,17-27). Għalkemm qasira, is-silta ta' Luqa toffrilna elementi importanti tal-liturġija sinagogali: l-episodju jseħħ fil-jum tas-Sibt, fis-sinagoga ta' Nażaret. Lil Ġesù joffrulu r-romblu tal-Profeta Isaija, u Hu jikkumenta s-silta ta' Is 61,1-2, li x'aktarx kienet il-haftara ta' dak is-Sibt. Interessanti li wieħed jinnota li, qabel ma jintroduċi l-episodju ta' Nażaret, Luqa jippreżenta sommarju ċkejken dwar il-predikazzjoni ta' Ġesù fis-sinagogi: "Kien jgħallem fis-sinagogi tagħhom u kulħadd kien ifaħħru ħafna" (Lq 4,15). Dan it-tip ta' sommarju jinsab f'diversi siltiet evanġeliċi oħrajn. Hekk nafu li Ġesù kien "jgħallem" (*didasko*) fis-sinagogi (Lq 4,15; Ġw 6,59; 18,20), fil-jum tas-Sibt (Mk 1,21; Lq 4,31; Mk 6,2; Mt 13,54; Lq 4,16; Lq 6,6; Mt 12,9; Mk 3,1; Lq 13,10). Ġesù kien ukoll "ixandar" (*kerysso*) fis-sinagogi (Mt 4,23; Mk 1,39; Lq 4,44; Mt 9,35) il-bxara t-tajba tas-Saltna (ara R. De Zan, *"Nuovo Testamento"*, *Dizionario di Omiletica*, Elle Di Ci - Velar, Torino 1998, 1004-1012).

## L-azzjoni omiletika ta' Ġesù

Jekk nagħmlu studju ta' xi sommarji evanġeliċi, nistgħu nintebħu b'elementi li huma biżżejjed biex fihom nitkellmu dwar ħidma omiletika li Ġesù kien iwettaq ta' spiss fis-sinagogi. Hekk f'Mk 6,2: "F'jum is-Sibt beda jgħallem fis-sinagoga", għandna indikazzjoni ċara ta' l-attività omiletika ta' Ġesù fis-sinagogi tal-Lhud. L-istess jingħad f'Lk 4,16-21, fejn naqraw li Ġesù "mar Nażaret fejn kien trabba, u daħal, kif soltu kien jagħmel, fis-sinagoga f'jum is-Sibt u qam biex jaqra". Mhux biss, imma Luqa jagħti wkoll it-test li Ġesù qara (Is 61,1-2) u l-omelija li Hu għamel fil-qosor (Lq 4,21: "Illum seħħet din il-kitba li intom smajtu b'widnejkom"). L-espressjoni ta' San Mark hi magħmula mill-kliem importanti "tgħallem" (*didasko*), "Sibt" (*sabbaton*) u "sinagoga" (*synagogê*). Fi kliem ieħor, jinteressana hawnhekk li naraw kif Ġesù storiku, bħala bniedem, bħala rabbi Lhudi, mgħallem u mħarreġ fil-Kotba Mqaddsa, kien jaqdi l-ministeru tiegħu ta' omileta waqt iċ-ċelebrazzjoni

sinagogali. Sommarji oħrajn li fihom dawn l-istess tliet kelmiet huma Mk 1,21; 6,2; Lq 6,6; 3,10. Mt 13,54 jgħid: "ġie f'artu u kien jgħallem fis-sinagoga tagħhom..." Hawnhekk l-elementi huma tnejn: "jgħallem" (*didasko*) u "sinagoga" (*synagogê*). Is-sommarji li fihom dawn iż-żewġ kelmiet jinkludu Mt 4,23; 9,35; 13,54; Lq 4,15; _w 6,59; 18,20. F'żewġ siltiet minn San Mattew (4,23 u 9,35) insibu wkoll li immedjatament wara l-azzjoni liturġika (omelija) ta' Ġesù, is-sommarju dejjem għandu espressjoni fissa: ("u kien ixandar l-bxara t-tajba tas-saltna u jfejjaq kull xorta ta' mard fil-poplu"). F'dan il-każ għandna l-verb "ixandar" (*kerysso*). Fil-każ ta' Lq 8,1, imbagħad, niltaqgħu mal-verb "tevanġelizza" (*euanghelizomai*).

Hekk nistgħu ninnutaw li l-interventi omiletiċi ta' Ġesù l-aktar fl-ewwel parti ta' l-apostolat tiegħu fil-Galilija, huma numerużi. Dak li jinteressana hu li, fl-Evanġelji sinottiċi, il-verb "tgħallem" (*didasko*) jidher li hu marbut b'mod intimu max-xandira tal-kelma liturġika ta' Ġesù fil-kuntest taċ-ċelebrazzjoni sinagogali fil-jum tas-Sibt. L-istess nistgħu ngħidu għall-verbi "ixxandar" (*kerysso*) u "tevanġelizza" (*euanghelizomai*). Hekk mela, fil-kuntest ta' dawn il-verbi bibliċi, l-azzjoni omiletika ta' Ġesù fil-kuntest sinagogali tista' tiġi deskritta bħala "tagħlim", "xandir", "evanġelizzazzjoni". Fuq kollox, ta' min josserva li, f'xi wħud mis-sommarji jingħad b'mod espliċitu li l-kontenut ta' l-omelija ta' Ġesù jikkonsisti fix-xandir tas-Saltna ta' Alla, u li




dan ix-xandir ta' spiss jiġi akkumpanjat mill-mirakli tal-fejqan.

Hu diffiċli li nindikaw b'ċertezza liema huma dawk is-siltiet evanġeliċi li jagħtuna frammenti ta' omeliji ta' Ġesù. Dan għaliex, kif hu magħruf fl-istudji bibliċi, hu diffiċli ħafna li wieħed jagħmel distinzjoni bejn dawk li jissejħu *ipsissima verba* (il-kliem innifsu), *ipsissima vox* (il-leħen innifsu), u *ipsissimus sensus* (is-sens innifsu) tal-kliem ta' Ġesù. Fuq kollox, ma nafux liema kienu s-siltiet li kienu jintużaw fil-kult sinagogali ta' żmien Ġesù. Minn xi studji analitiċi, iżda, jirriżulta, li ninsabu fi grad li nidentifikaw xi siltiet evanġeliċi li fihom frammenti omiletiċi ta' Ġesù. Fost dawn insemmu: Mt 5,20-37.38-42.43-47; Mt 18,12-14; Lq 15,4-7; Mt 19,3-9; Mk 10,2-12; Mt 11,25. Fid-diskors tal-muntanja, skond il-verżjoni ta' San Mattew, nistgħu nidentifikaw almenu tliet siltiet li fihom elementi omiletiċi ta' Ġesù: Mt 5,20-37; 38-42; 43-47. Meta l-Mulej jitkellem f'Mt 5,20-37 rigward "il-Liġi u l-Profeti", hu x'aktarx qiegħed jirreferi għas-siltiet tal-Liġi u tal-Profeti li kienu għadhom kemm inqraw fiċ-ċelebrazzjoni sinagogali. Dan hu mod ċar li jurina kif din is-silta omiletika tidħol fil-kuntest oriġinali tal-liturġija sinagogali.

Għalkemm, kif rajna, l-Evanġelji ma jipprovdux testi twal u ċari li nistgħu inqisuhom bħala omeliji li Ġesù għamel fis-sinagogi tal-Lhud, imma jipprovdu diversi elementi li jgħinuna nifhmu l-kontenuti u l-messaġġi li ried jagħti l-Mulej fit-tagħlim djaloġiku tiegħu. L-għarfien ta' l-ambjent bibliku tal-liturġija sinagogali fl-I seklu ta' l-era kristjana hu naturalment importanti biex ikollha ideja aktar ġara ta' l-istil partikulari li l-Mulej kien juża, u jipprovdi għajnuna lilna biex nagħrfu nibnu l-ministeru omiletiku tagħna fuq il-mudell li jagħtina Ġesù Kristu, Omileta tal-miġja tas-Saltna ta' Alla, imwettqa bil-kelma u bl-għemil ta' qawwa tiegħu.



# Fil-familja u fl-iskola

*Tagħlim għal ħajjitna fil-Ktieb tal-Proverbji*

*Jikteb P. Marcello Ghirlando ofm*

Formazzjoni biblika

# Il-ktieb tal-Proverbji minsuġ f'ambjent skolastiku

## Il-Ktieb tal-Proverbji: ktieb ta' l-iskola.

L-inventarju ta' kotba fl-iskrittura li jħaddnu għeruqhom fil-moviment ta' għerf f'Iżrael, jiddedikaw post speċjali li dawk il-kitbiet kollha li fil-forma u l-kontenut tagħhom jidher wisq probabbli li ġew użati f'perjodu skolastiku għoli. Dawn il-kitbiet b'mod probabbli ġew imħaddma għall-formazzjoni ta' l-istudenti li huma d-destinatarji ta' dawn it-twissijiet u r-regoli li jwassluhom għat-transformazzjoni proprja ta' ħajjithom. Wieħed jista' jsemmi l-Ktieb tal-Proverbji nnifsu, Ġob, Koħelet, Bin Sirak, l-Ktieb ta' l-Għerf u ukoll xi wħud mis-Salmi. Dan il-ħsieb, li dawn il-kitbiet inħolqu f'ambjent skolastiku, huwa llum il-ġurnata proposta li ġiet anki sostnuta, speċjalment wara l-paraguni li ġew magħmula ma' ċerta letteratura eġizzjana, mesopotamika u ugaritika li kienet tintuża għal skop ta' tagħlim. Dan hu l-aktar li nistgħu nikkonfermaw fuq il-Ktieb tal-Proverbji (ara: *Introduction and Structure of the Books of Proverbs, Lecture 3*).

Għalkemm ġejna sfidati, fuq id-diffikulta' ta' l-eżistenza u n-numru differenti ta' skejjel f'Iżrael tal-qedem, l-interpretazzjoni skolastika fuq il-Ktieb tal-Proverbji, hi llum l-ġurnata aċċettata. Fil-fatt jidher li l-Ktieb tal-Proverbji kien ktieb għall-użu ta' l-istudenti u għal skop li tinħoloq diskuzzjoni ma' l-għalliem fuq l-isfidi reali u konkreti fil-ħajja ta' kuljum. Jinstabu ħafna ċitazzjonijiet, fuq l-edukazzjoni u l-formazzjoni taż-żgħażagħ (ara: Prov 31, 10-31).



## Paragun mal-letteratura Eġizzjana.

L-istudju komparattiv ta' Nili Shupak fuq il-Ktieb tal-Proverbji flimkien mal-letteratura post-biblika eġizzjana, tgħinna nifhmu aħjar l-idea

mressqa, li fuq kollox l-Ktieb tal-Proverbji kien iffurmat f'element skolastiku vitali. Fl-istess ħin tgħinna naċċettaw l-idea ta' numru ta' istituzzjonijiet skolastiċi f'Iżrael tal-passat, ħsieb u moviment li ma kienx direttament preżenti fit-testi bibliċi.

Studju komparattiv tat-terminoloġija miktuba f'dawn il-kotba ta' għerf fil-letteratura biblika, flimkien mal-letteratura ispirata mill-front ta' l-għerf eġizzjan jikkonferma l-preżenza ta' ħolqa diretta bejn il-kompożizzjoni biblika u l-kuntest edukattiv. Fil-letteratura biblika aħna lkoll konfrontati ma' termini li jfakkruna ma' l-stil didattiku (ta' tagħlim) matul saltnatu, per eżempju l-ħsieb li jinbnew bliet sħaħ għall-ħażna u l-organiżazzjoni ta' vjaġġi mill-Afrika bl-iskop li jġibu lura materjal ta' lussu. Din ir-relazzjoni kulturali ma' l-Eġittu ġiet mwettqa sas-Saltna ta' Ħeżekija, fejn niesu wasslu sat-tmiem il-kollezzjoni tal-Ktieb tal-Proverbji (kap 25-29). Ħeżekija kien re li ta ordni favur din l-assoċjazzjoni ma' l-Eġizzjani, iżda li kienet opponuta minn Isaija (30, 1-7;31). It-testi bibliċi, speċjalment il-kotba tal-Proverbji u Ġob jesponu dan il-kuntatt kulturali, li fil-biċċa l-kbira tiegħu seħħ matul is-saltna ta' Ħeżekija - għalkemm qatt ma nistgħu nbaxxu l-importanza ta' l-istess kun-



tatt kulturali fil-perjodu Salamoniku.

użat fl-iskejjel eġizzjani. Għalhekk nistgħu nassumu li l-ewwel skejjel f'Iżrael kienu strutturati ftit jew wisq fuq l-istil eġizzjan. Nistgħu naffermaw bi probabbilta' kbira li l-Ktieb tal-Proverbji, speċjalment fit-tieni kollezzjoni tiegħu, kien materjal didattiku mħaddem f'dawn l-iskejjel.

Dan kien aktarx il-frott ta' kuntatt ħaj bejn iż-żewġ il-kulturi dik Iżraelita u Eġizzjana waqt is-Saltna ta' Salamun. Salamun kien ħa waħda mill-ulied tal-Fargħun b'martu u hi rnexxielha xxiettel drawwiet eġizzjani

Dawn l-ideat, kif imressqa minn Shupak, huma bbażżati fuq l-pożizzjoni li l-kliem użat mill-għorrief f'Iżrael, hu ekwivalenti għat-termini semantici misjuba normalment fil-letterartura skolastika eġizzjana. F'dan is-sens, kif diġà ttennejna, nistgħu ngħidu li l-Ktieb tal-Proverbji ġie mifhum għax kien marbut sew ma' l-edukazzjoni u anki mal-formazzjoni. L-Edukazzjoni u l-istess formazzjoni li ġew mqiegħda f'kuntest istituzzjonali jew f'ambjent privat jew familjari.

Qabel ma nsemmu xi ftit eżempji fuq it-termini ekwivalenti semantiċi, kelma qasira dwar l-iskola eġizzjana u l-letterartura tagħha.

Kemm ir-riċerka arkjeoloġika kif ukoll il-letteratura jagħtuna viżjoni ċara ta' l-iskejjel fl-Eġittu l-imgħoddija fuq l-istituzzjoni edukattiva. Il-letteratura tagħtina l-informazzjoni meħtieġa dwar in-natura tal-ħsieb materjali, l-identità ta' l-għalliem u l-istudenti tagħhom kif ukoll il-ħajja skolastika. F'dawn it-testi wieħed jista' jsib lista ta' ismijiet u kliem, fejn per eżempju f'Onomasticon ta' Amenemope tal-XX Dinastija twissijiet u pariri jiġu mogħtija lill-istudent. Il-polemiċi bejn



l-iskribi ġiet imniżżla per eżempju fil-papiru Anastasi waqt is-saltna ta' Ramgħses II. Kien hemm ukoll testi klassiċi li l-istudenti kienu jikkupjaw, bħala eżerċizzju fil-kitba, eżempju huwa t-tagħlim ta' Amemnehet tat-XII-il Dinastija. Kemm l-istorja ta' Sinuhe kif ukoll l-innu kkomponut lin-Nil, dawn ġew miktuba matul it-XII-il Dinastija. Il-kompożżizzjonijiet ta' tifħir miktuba lix-xogħolijiet tal-kittieb, huma l-aktar testi ta' interess, li kienu minsuġa fiż-żminijiet ta' bejn it-XII u d-XIX-il Dinastija, eżempji ta' dan huwa t-tagħlim ta' Amenankthe u ta' Kheti bin Duaf.

Shupak tagħti lista ta' xi termini li huma semantikament ugwali, kemm fil-letteratura eġizzjana kif ukoll fit-testi bibliċi li jitkellmu fuq l-Għerf.

**ħiż** It-taħriġ ta' l-għalliem jinstab għal tnejn u għorxin darba fit-testi skolastiċi u wieħed u tletin darba fl-istruzzjonijiet - din hi magħġuna mal-kelma Lhudija *muscar* użata fil-letteratura ta' l-għerf.

**ħiiż** It-termini li jirriferu għall-metodoloġija tat-tagħlim fl-Eġittu huma *hwi* u *knkn* (kastig korporali), u *sbd* (l-għasluġ). Fil-Lhudi l-paralleliżmu tad-dixxiplina fil-kastig korporali hi hakah, li hi użata kemm-il darba fil-Ktieb tal-Proverbji, xi drabi bl-oġġett *shevet*, xi drabi mingħajru.

**ħiiiż** L-istudent għażżien, *wsf* fil-kitbiet eġizzjani, hi msejħa *'atsel*, għażżien li nsibuha fil-Kiteb tal-Proverbji u f'Koħelet.

**ħivż** L-istudent injurnat fil-letteratura eġizzjana għandha xebh semantiku fil-Proverbji u f'Bin Sirak fil-kelma *hasar lev*.

**ħvż** Raġel b'karattru pożittiv hu msejjaħ *kb* fil-letteratura eġizzjana, waqt li *kar ruah* hija l-kelma ekwivalenti Lhudija fil-Ktieb tal-Proverbji.

**ħviż** Iċ-ċitazzjoni tal-widna, bħala organu meħtieġ fil-proċess tat-tagħlim, hi marka kontinwa fil-kuntest edukattiv ta' l-eġizzjani u l-Iżraeliti (u anki mesopotamiċi).

Dan l-istudju profond ta' Shupak fuq dawn il-frażijiet ta' l-istess xorta, jesponi l-ekwivalenza ta' dawn il-ħsibijiet espressi bl-istess kliem, dan kollu eventwalment jagħti s-saħħa lill-ipotesi tagħna.

## L-Familja - In-Nukleu Bażiku ta' Formazzjoni għall-Ħajja.

L-għan prinċipali ta' kull persuna f'Iżrael hu li jsir għaref, li jkollok fuq kollox l-għarfien tal-ħajja u r-relazzjonijiet umani, għerf li għandu l-ħila li jmexxi b'suċċess ħajjet persuna biex b'hekk jaffronta l-isfidi tal-ħajja. Naturalment dan kollu hu proċess fil-ħajja; u wieħed hu ffurmat pass pass miċ-ċkunija sa' l-età matura.

Prov 13, 14 jisħaq li: Tagħlim l-għaref hu għajn il-ħajja għal min irid jeħles mix-xibka tal-mewt. Kull għaref jgħin l-oħrajn biex jiksbu l-għerf. B'dan id-diskors nifhmu li l-ewwel għalliema tal-ħajja huma l-ġenituri, li fuq ir-riżultati miksuba ġarrbu s-suċċess jew id-delużjoni. Dan l-obbligu hu bbażżat fuq il-fatt li l-eqdem post ta' formazzjoni li l-fonti Lhudija ssemmi hi d-dar, il-familja; il-ġenituri huma l-ewwel formaturi, speċjalment il-persuna tal-missier.

Il-familja, l-aktar il-ġenituri, huma l-ewwel skola fundamentali għal uliedhom. Il-persuni l-ġodda f'kull familja eventwalment huma ntrodotti naqra naqra għar-realtà tal-klann, ir-realtà ta' niesu. Il-familja hija meqjusa bħala iċ-ċellula soċjo-ekonomika bażika, u hi l-qawwa maqgħuda t'Iżrael; f'dan il-kuntest jiġu mwettqa b'mod sħiħ l-interessi essenzjali tal-membri tagħha, fejn tinkludi l-edukazzjoni taż-żgħar. Il-qalba tat-tibdiliet, min-nomadiżmu għall-ħajja sedentarja organizzata, il-familja - bħalma l-ambjent eġizzjan u mesopotamiku jfakkarna - bħala l-aktar qawwa importanti u li torbot il-ħajja nazzjonali. Il-ħajja tal-ġenerazzjonijiet il-ġodda hi mwettqa f'ambjent familjari. Il-mexxejja tal-familja, l-missirijiet u l-ommijiet, huma l-edukaturi u l-formaturi assoluti ta' uliedhom.

L-ulied huma tal-ġenituri, u tal-familji. Hija l-familja li għandha r-responsabbiltà lejn Jahweh, qabel ir-responsabbiltà lejn l-awtoritajiet umani. Ir-responsabbiltà tas-suċċess jew tal-falliment hi f'idejhom, bħalma nsibu f'Prov 10, 1: Iben għaref iferraħ lil missieru, iben iblah inikket 'l ommu. (Bżonnijiet stilistiċi taw parir għall-użu taż-żewġ kelmiet missier u omm darba f'kull vers, imma hawn huwa importanti nirrimarkaw li kull kelma tindika iż-żewġ ġenituri. Minn dan kollu nifhmu li t-tnejn li huma, jġorru l-istess responsabbiltà edukazzjonali ta' uliedhom ).

Huwa essenzjali nsemmu li l-ulied f'Iżrael kienu meqjusa bħala rigal ta' Jahweh, sinjal ta' barka divina. It-tfal



kienu jkunu milqugħa bil-ferħ u kif ukoll rispettati għax kienu sinjal speċjali tal-barka divina, sinjal ta' prokreazzjoni (Ġen 1, 28; 12, 2) u wkoll it-twettiq tal-wegħda divina li jkunu ġens kbir (Ġen 15, 5; 26, 4; 22, 7, Ħos 2, 1).

Il-ġenituri, l-missier u l-omm (Prov 31, 1) huma għalhekk kkonsidrati bħala l-bnedmin responsabbli primarjament għall-edukazzjoni tal-ħajja. Din kienet tinħass bħala obbligazzjoni fundamentali, obbligazzjoni mtennija

kemm-il darba fil-Bibbja: Tennihom lil uliedek… (Dewt 6, 7), Għallmuhom lil uliedkom…(Dewt 11, 19), Biss iftaħ għajnejk, u oqgħod attent ħafna għalik innifsek, li ma tmurx tinsa l-ħwejjeġ li rajt b'għajnejk; tħallihom iwarrbu minn qalbek tul il-jiem kollha ta' ħajtek, imma għallimhom lil uliedek u 'l ulied uliedek…(Dewt 4, 9)

Matul l-ewwel snin ta' ħajja, hija l-omm li primarjament tieħu f'idejha l-edukazzjoni ta' l-ulied fuq l-isferi kollha tal-ħajja. L-ulied huma fdati lilha sat-tielet sena tiegħhom, sakemm jinfatmu minn ommhom (1Sam 1, 21-28). Wara ż-żmien tal-ftim, l-omm hija msejħa b'mod partikulari biex tieħu nisa, mas-sakranazzi eċċ (Prov 31, 1-9).

Uliedha jqumu u hienja jsejħulha; u żewġha wkoll ifaħħarha u jgħidilha (Prov 31, 28). Hawn għandna eżempju ta' omm li teduka u tagħti parir tajjeb, hekk ħaqqha t-tifħir tal-familja tagħha.

Ir-rwol tal-missier fil-formazzjoni jibda jsir importanti meta l-iben jibda jikber. Ġ:eneralment s-subien kienu jiġu ffurmati fis-sengħa ta' missierhom. L-edukazzjoni u t-tagħlim normalment kienu jiġu mmexxija minn l-istess id - il-missier - l-aktar meta uliedu jieħdu l-istat ta' bdiewa, ragħajja, negozjanti, qassisin jew



ħsieb lill-ulied bniet, dan billi tedukhom u tgħallimhom ix-xogħol domestiku. F'dan id-dawl nistgħu nifhmu aħjar ċertu kliem bibliku, bħal: Skond l-omm il-bint (Eżek 16, 44). Anki l-istess iben jrid ikun edukat mill-missier kif ukoll mill-omm: Isma, ibni, kliem missierek, u twarrabx tagħlim ommok (Prov 1, 8); Ħares, ibni, ordnijiet missierek, u twarrabx tagħlim ommok (Prov 6, 20). Lemwel, is-sultan ta' Massa, jintroduċi tagħlim ommu, b'eżempju fir-relazzjoni manmħallfin. Ġen 4, 20 - 22 jirreferi għall-għaqda familjari fejn is-snajja kellhom karattru ereditarju: Għada wildet lil Ġabal, li kien missier dawk li jgħixu fl-għerejjex u jrabbu l-imrieħel. U ħuh kien jismu Ġubal, li kien missier dawk li jdoqqu ċ-ċetra u l-flawt. U Silla wkoll wildet lil Tubal-Kajn, li kien ħaddied, jaħdem l-għodod tal-bronż u l-ħadid.

L-edukazzjoni tkompli tmiss aspetti oħra tal-ħajja. It-tagħlim manwali kif ukoll ix-xogħol kien iressaq lis-subien

għar-relazzjonijiet ma' l-oħrajn, matul ħidmiethom fl-ibliet jew fl-għelieqi, ir-relazzjonijiet ma' l-annimali eċċ. L-ulied subien kienu mistennija jagħmlu dixxerniment f'għażla xierqa f'kull sitwazzjoni tal-ħajja, l-aktar li jiddexxernu kienet ir-relazzjoni tagħhom ma' Alla. Dawn it-temi kollha, f'dan l-istil pedagoġiku jinstabu lkoll fil-Ktieb tal-Proverbji.

Importanti li wieħed isostni li r-relazzjoni m'Alla, ddawwal kull tip ta' istruzzjoni, edukazzjoni u formazzjoni għall-ħajja, miżrugħa mill-ġenituri f'uliedhom. Il-missier isemmi mill-ġdid l-għeġubijiet ta' Alla favur il-poplu tiegħu (Dewt 4, 9), l-statuti divini, l-kmandamenti u l-liġijiet li huma marbuta b'mod intimu ma' esperjenza storiko-salvivika tiegħu, kif ukoll in-normi etniko-reliġjużi, li lkoll huma frott il-għerf.

It-Torah, fil-partijiet normattivi u storiċi tagħha, offriet materjal abbundanti biex wieħed iħarreġ id-djalogu tal-ġenituri ma' uliedhom f'kull mument ta' ħajjithom. Fil-fatt nistgħu nistqarru li parti ntegrali tal-formazzjoni u l-edukazzjoni tat-tfal kienet tikkonsisti l-ewwel u qabel kollox fir-rakkonti ta' l-istorja u l-esperjenza tagħhom (Ps 44, 2ff; 78; Imħall 6, 13).

Id-diversi okażżjonijiet ta' narrazzjoni ta' stejjer mill-ġdid setgħet żviluppat sempliċiment mill-mistoqsijiet spontanji tat-tfal infushom jew f'okkażjoni solenni fiċ-ċelebrazzjoni ta' l-Għid: meta mbagħad uliedkom jistaqsukom: X'inhi din id-drawwa? Intom twieġbuhom: 'Dan hu s-sagrifiċċju ta' l-Għid tal-Mogħdija tal-Mulej, meta hu baqa' għaddej minn nofs id-djar ta' wlied Iżrael fl-Eġittu meta drab lill-Eġizzjani iżda ħeles lil djarna' (Eż 12, 26-27). Il-missier jerġa' jirrakonta l-esperjenza nazzjonali ma' Alla, kemm fuq inizjattiva tiegħu dejjem skond il-liġijiet divini, jew anki mħeġġin mill-kurżità tat-tfal tagħhom stess. F'dan id-dawl kull min jerġa' jtenni u jgħallem jissejjaħ Missier, u kull min jisma' jissejjaħ iben (Prov 4, 1; 13, 1; 10. 15).

Metodu ieħor edukazzjonali u formattiv magħmul, hu l-mod kif il-missirjiet juru lill-uliedhom, fuq bażi ta' esperjenza, x'sarrfu l-azzjonijiet partikulari; dan hu muri b'mod ċar fl-istruttura ta' numru sostanzjali ta' frażijiet, li jesponu r-relazzjonijiet bejn azzjonijiet determinati, li huma l-frott ta' deċiżjoniijiet individwali aħħarin. Għax jekk tagħsar il-ħalib, toħroġ il-baqta, jekk tagħsar imnieħrek, joħroġ id-demm, u jekk tagħsar l-għadab, joħroġ il-ġlied (Prov 30, 33). B'din is-sistema ż-żgħar kienu mixtieqa li kritikament jiddixernu l-għażliet u għemilhom.

Tidher ċara u ovvja li din r-relazzjoni edukattiva u formattiva ma kienet xejn faċli. Il-ġenituri kienu kontinwament sfidati bix-xewqa li jkun stretti u komprensivi fl-istess ħin. B'dan kollu jdawwalna, il-Ktieb tal-Proverbji hu iżjed indirizzat lis-subien u l-bniet, biex jgħinuhom jifhmu x-xewqa edukativa u formattiva tal-ġenituri tagħhom, li ta' spiss kellhom jużaw metodu iebsin biex iwettqu dawn l-istess xewqat!

Il-formazzjoni tinkludi twiddib u korrezzjoni. Min iħobb id-dixxiplina, iħobb it-tagħlim, imma min jobgħod iċ-ċanfir hu bla moħħ (Prov 12, 1). Anki saħansitra l-kastig hu utli: Il-bastun u t-twiddib jagħmlu l-għorrief; imma tifel mitluq għal riħu jagħmel għajb lil ommu (Prov 29, 15). Widdeb lil ibnek, u hu jkun l-hena tiegħek; ikun l-għaxqa ta' qalbek (Prov 29, 17);

Fl-introduzzjoni fil-proċess tat-tagħlim jinkludi twiddib u kastigi. Biex wieħed jħalli lilu nnifsu jiġi edukat u ffurmat jitlob doża qawwija ta' umiltà kontra l-arroganza u l-kburija: l-għani b'ġidu jifdi lilu nnifsu, imma l-fqir m'għandux biex jinfeda (Prov 13, 8). L-aħħar ħaġa li l-missier jista' jagħti lill-uliedu f'dan il-proċess

hi l-barka, li divinamnet tagħti l-libertà u l-fertilità (Ġen 27, 27-29; Sir 13, 19)

Il-ġenituri jifirħu bil-kisba ta' l-għerf ta' wliedhom (Prov 23, 25; 17, 25). F'dan il-kuntest l-ulied huma msejħa li jweġġħu lill-ġenituri tagħhom, anki saħansitra f'età avanzata, bħala sinjal ta' gratitudni: isma' minn missierek li tak il-ħajja, u tmaqdarx 'l ommok meta tixjieħ (Prov 23, 22). Meta l-ulied ma jaċċetawx il-pariri tal-ġenituri tagħhom, huma jkunu qegħdin jiċċaħdu mill-formazzjoni ta' ħajjithom u jsiru annimali (Prov 15, 20), sal-punt li jeżiljaw lill-ġenituri minn ħajjithom: min jgħakkes lil missieru u jkeċċi 'l barra 'l ommu, hu iben bla ġieħ u kollu għajb (Prov 19, 26).

Il-Ktieb tal-Proverbji ma jagħtiniex id-dettalji kollha ta' l-għemejjel edukattivi tal-ġenituri, imma joħroġ b'mod aktar ċar li huma l-ewwel edukatturi u formaturi ta' uliedhom. L-interessi kollha tagħhom, l-ferħ kollu huma marbuta b'mod intimu lejn uliedhom, ulied li fuq kollox jitgħallmu jitkellmu, jaħsbu u jaġixxu fil-familji tagħhom. B'dawn l-argumenti kollha nistgħu finalment ngħidu li l-istruzzjoni, l-edukazzjoni u l-formazzjoni familjari hija l-mudell għal kull struttura oħra ta' formazzjoni. Kif diġà esprimejna, dan hu għaliex l-għalliem f'Iżrael jissejjaħ Missier u l-istudenti ulied.

## L-Iskejjel: formazzjoni sħiħa għall-ħajja

## L-iskejjel - il-ħolqien tagħhom

Bħal-letteratura Biblika kollha, il-kiteb tal-Proverbji ma jagħtiniex it-tagħrif kollu fuq l-użu u l-ħidma tal-letteratura ta' l-għerf. L-istudjużi bibliċi jindirizzaw konklużjoni li l-letteratura fuq l-għerf kienet fir-realtà ta' l-istituzzjonijiet skolastiċi, avolja lanqas il-Bibbja u siti arkjeoloġiċi ma jikkonfermaw assolutament din il-konklużjoni. Il-Bibbja, ktieb ta' valur kulturali u letterarju enormi, ma tagħtiniex it-tagħrif dirett fuq l-istituzzjonijiet dedikati għall-edukazzjoni u l-formazzjoni taż-żgħażagħ. Dan huwa vojt kbir li ċ-ċivilizzazzjoni orjentali tħalli.

Iżda, għalkemm il-Bibbja kif diġà għidna ma tagħtix l-informazzjoni diretta fuq il-preżenza ta' l-iskejjel, xorta nistgħu nisħqu li Iżrael kellu l-istituzzjonijiet skolastiċi tiegħu, matul dan iż-żmien kollu.

***ħiż*** Riferimenti fil-Bibbja dwar l-istituzzjonijiet skolastiċi. Fi Proverbji kapitlu 5 vers 13, hija ċara ħafna: ma smajtx kliem min ried jgħallimni, ma tajtx widen lil min kien iwissni. Jew inkella, f'Prov 17, 16: x'jiswew il-flus f'id l-iblah? Se jixtri bihom l-għerf, jekk m'għandux moħħ? Dan kollu jfakkarna fis-sistema probabbli tal-ħlas lil għalliem għat-tagħlim u l-edukazzjoni li jagħti.

F'Samwel 1-3: iċ-ċkejken Samwel jittieħed għand Eli f'Silo. Eli hawnhekk jissejħlu iben (3, 16. 16). Hija evidenti li Samwel qed jirċievi l-edukazzjoni u l-formazzjoni tiegħu mingħand Eli, għalkemm m'aħniex żguru mija fil-mija ta' x'tip ta' edukazzjoni din kienet tinkludi.

2 Slaten 6,1 jitkellem fuq ulied il-profeti, li talbu permess mingħand Eliżew biex jibnu post fejn ikunu jistgħu jgħammru. Dan it-test partikulari ġie interpretat bħala l-ewwel xhieda fil-bini ta' skola, post fejn ulied il-profeti kienu mħarrġa mill-għalliem-surmast. Din il-konnotazzjoni hi parallela ma' l-iskejjel filosofiċi tad-dinja Griega. Ulied il-profeti kienu mtella' fil-ħsieb ta' profeta singulari biex b'hekk jittrasmettu l-ħsieb u l-għerf tiegħu.

Riferiment ieħor insibuh f'Iżaija

50, 4-6. F'dan il-ħsieb tad-Dewtero-Iżaija id-dixxipli darbtejn jiġu msemmija. Il-profeta jipparaguna lilu nnifsu ma' dixxiplu tajjeb, peress li għandu widna miftuħa għall-għalliem tiegħu. F'dan il-kuntest ir-riferimenti li jagħmel qabel f'vers 6 li jolqtuh, jistgħu jkunu allużjonijiet tal-kastig tal-ġisem. L-immaġini ta' Jaħweh bħala għalliem li jgħallem, hija ukoll proponuta f'Iżaija 48, 17 u 54, 13.

Konnotazzjonijiet Bibliċi oħrajn li juru ftit jew wisq it-tagħlim skolastiku nsibuh f'2 Samwel 12, 24-15; 2 Slaten 1.2; 1 Slaten 12, 8.10; 2 Slaten 10, 1.5.6.; 2 Slaten 12, 3; 1 Kronaki 27, 32; 2 Kronaki 17, 7-9. Riferimenti għal

***ħiiż*** Nistgħu nikkonkludu li l-iskejjel eżistew f'Iżrael jekk wieħed jagħmel proġetazzjoni analoġika. Huwa fatt magħruf li l-iskejjel kienu preżenti f'Iżrael u fil-Mesopotamja. Għalhekk nistgħu nassumu li bl-istituzzjoni monarkika u bl-żvilupp ta' klassi superjuri li tmexxi, inħasset il-ħtieġa li tinħoloq ċertu sistema ta' skola, għax ukoll kienu jeżistu fir-reġjuni tal-viċinanzi.

Bl-studju semantiku tagħha Nili Shupak waslet għal din il-konklużjoni, kif diġà ttenejna.

Bonora jagħtina sommarju qasir ta' strutturi differenti ta' l-iskejjel tal-viċin. Bejn wieħed u ieħor fis-sena



skejjel profetiċi nsibuhom f'Iżaija 8, 16; 28, 7-13.

Allużjonijiet distinti jinstabu ukoll fl-eżempji tardivi fil-letteratura ta' l-għerf. Nafu b'ċertezza li Koħelet kien għalliem, barra milli kien għaref, Koħelet għallem l-għerf lill-poplu; b'ħafna ħsieb u tiftix niseġ kotra ta' proverbji (12, 9).

Anki l-istess Bin Sirak kien għalliem li għallem f' *beit midrash*: Ersqu lejja intom li m'għandkomx tagħlim, u ħudu postkom fl-iskola tiegħi (51, 23).

2500 qK nistgħu niċċertifikaw il-preżenza ta' skejjel fil-kultura Sumerika. Kif inhi msejħa *e-dub-ba*, id-dar tal-lapidi, wieħed hawn seta' jitgħallem l-arti tal-kitba. L-*ummia*, għalliem, kien ikun il-missier tal-iskola waqt li l-istudenti kienu l-ulied. Skavi arkjeoloġiċi juruna diversi xogħolijiet fil-lapidi ta' dawn l-istudenti. Fil-bidu kienu biss ftit rġiel li kienu jattendu l-iskola. L-iskola kienet immexxija mill-funzjonarji u l-iskribi (kittieba) b'servizz lejn is-sultan jew lejn il-kult



reliġjuż. Id-dixxiplina kienet parti integrali f'din it-tip ta' formazzjoni; minn dak li nstab, jitkellmu fuq persuna nkarigata bi frosta. Ix-xogħol minsuġ fuq il-lapidi jikkonsisti f'lista ta' affarijiet, rakkonti mitiċi, epiċi, proverbji, stejjer u listi bilingwali (b'żewġ lingwi), dan jista' jkun l-ewwel dizzjunarju primittiv. Ma għandniex għaldaqstant informazzjoni biżżejjed dwar l-organiżazzjoni u l-metodi pedagoġiċi Sumeriċi. Il-kittieb ma kienx biss persuna li kien jaf jaqra u jikteb, iżda fil-virtu tal-formazzjoni kulturali tiegħu, kien meqjus bħala bniedem ta' għerf kbir.

Mis-XVI-il seklu il' quddiem għandna tagħrif konret u konċiż fuq l-iskejjel fl-Eġittu. Biex persuna setgħet ssir skriba, kellha tagħmel erba' snin ta' istruzzjoni. L-ispeċjalizzazzjoni kienet biss offerta bħala għażla mhux obbligatorja. Abitwalment l-iskola kienet tkun flimkien mat-tempju b'dixxiplina skolastika iebsa ħafna. Huwa ta' interess li ngħidu li ħafna kienu dawk li jitgħallmu l-lingwa babilonika u t-testi tal-kuneiform, li fl-aħħar mill-aħħar kienu ta' benefiċċju fir-relazzjonijiet internazzjonali ma' l-istess babiloniżi.

Fl-iskejjel ta' Ugarit kien jintuża l-istess metodu li kienu jużaw l-sumeriċi. It-testi kulturali babiloniżi kienu wkoll jinqraw. In-numru sostanzjali ta' testi letterarji u reliġjużi huma ċertifikat ta' kultura għolja ħafna. Għalhekk huwa raġonevoli nistqarru li l-iskejjel kienu organnizzati tajjeb u frekwentati.

F'dan l-ambjent kollu, nifhmu li Iżrael daqshekk qrib dawn it-tradizzjonijiet u kulturi, bilfors addatta għalih l-istutzzjonijiet skolastiċi u l-metodi komuni ta' dawn il-kulturi kollha.

***ħiiiż*** M'ilux argument ġdid ġie mressaq dwar il-preżenza ta' l-iskejjel f'Iżrael. Il-bażi kollha ta' dan l-argument hi mibnija fuq il-ftit fdaljiet ta' kitba misjuba ġo siti arkjeoloġiċi differenti f'Iżrael. Dawn l-iskrizzjonijiet ġew datati mill-bidu tat-12-il seklu 'l quddiem, u huma meqjusa li huma frammenti ta' xogħol li wettqu l-istudenti fl-iskejjel.

Eżempju ta' dan huma l-lapidi ta' Geżer li ġew interpretati bħala xogħol l-istudenti, peress li għandhom xebħ kbir ma' sejbiet oħrajn, l-aktar mal-fdalijiet Feniċi ta' l-*abċ*, ma' l-Armajk misjub f'Tell Ħalaf u ma' lapida

Feniċja li nstabet f'Biblos, dawn kollha kellhom lista ta' ismijiet li probabilment inkitbu minn srkiba prinċipjant. Sejbiet simili (mhux dejjem plawsibbili) instabu f'Izbeth Sartah, f'Lakish, f'Khirbet-el-Qom, f'Arad, f'Aroer, Qadish-Barnea u f'Kuntilat-Arjud. Dawn kollha huma kkunsidrati bħala eżerċizzji skolatiċi elementari li nistgħu nikkatalogawhom bħala: l-*abċ*, ittri miktubin mingħajr ordni, ripetizzjoni ta' kliem, formuli ta' introduzzjoni għall-ittri, listi tax-xhur, numri, numri ta' kejl, tpinġija u eżerċizzji fil-lingwi esteri. Dan kollu jikkonferma istituzzjoni dedikata għall-edukazzjoni elementari - miktuba fuq ġebel, ġibs u tafal - elementi li kienu jintużaw fl-iskejjel 'primarji' mill-kulturi tal-viċin! L-istudji 'ogħla' kienu jinkitbu fuq il-ġild u l-papiri, elementi li ma ġewx preservati mal-medda tas-sekli.

## Skejjel: Riferimenti fil-Ktieb tal-Proverbji.

Nistgħu niddeduċu fejn kien mogħti it-tagħlim fil-Kiteb tal-Proverbji? Forsi Prov 1, 20-22 jagħtina ħjiel: l-għerf jgħajjat fit-triqat, leħnu jgħolli fl-imsieraħ, isejjaħ fil-bidu ta' triq kollha storbju jxandar fid-daħla ta' bibien il-belt. L-għerf kien jiġi miżrugħ f'bibien l-belt, il-post tal-laqgħa pubblika, anki kien post saħansitra ta' karattru ġuridiku.

Prov 5, 13: ma smajtx kliem min ried jgħallimni, ma tajtx widen lil min kien iwissini. Il-Ktieb tal-Proverbji wkoll jitkellem dwar il-bniedem għaref, li kien magħruf b'mod komuni Missier (Prov 4, 1; 5,7), li jkellem lill-ulied: dan jalludi għar-responsabbiltà familjari fl-edukazzjoni, id-dmir ta' l-għalliem hu l-kontinwazzjoni ta' din l-istruzzjoni bażika.

Il-Proverbji jsemmi wkoll min għandu jħallas għall-edukazzjoni: l-aqwa ħaġa, li tikseb l-għerf; ikseb id-dehen akkost ta' kollox (Prov 4, 7). Wisq probabbli t-tfal tat-tajjeb biss kienu jiġu provduti b'edukazzjoni xierqa.

Għandna wkoll tagħrif indirett dwar kif kien jiġi mgħallem it-tagħlim. Taqra tgħajjat kien l-metodu l-aktar komuni, kif ukoll titgħallem testi bl-amment, li kienu jinkitbu mill-istudenti fuq il-lapidi: orbot dawn ma' subgħajk, u naqqaxhom fuq il-lapida ta' qalbek. Għaldaqstant ir-riferimenti nsibuhom fuq l-importanza tat-tagħlim u fil-komunikazzjoni orali, mingħajr ma nwarrbu l-ħtieġa tal-kastigi korporali: il-bastun u t-twiddib jagħmlu l-għorrief; imma tifel mitluq għal riħu jagħmel għajb lil ommu (Prov 29, 15). Interess u kunsiderazzjoni kienet tingħata għall-użu ta' mistoqsijiet, proverbji enigmatiċi, parabboli u djalogi.

Dan l-istil ta' istruzzjoni kien wessa' l-orizzonti u l-viżjoni, fejn kollox kien intiseġ fuq it-tagħlim mogħti fil-familja. Ma nistgħux niżolaw dan il-kontenut ta' tagħlim għal suġġetti limitati, kif isostni 1 Slaten 5, 10-13 li jesponi l-formazzjoni mgħoddija lill-iskejjel irjali (suġġetti kienu jinkludu: botanika, letteratura, mużika u l-filosofija kif espressa fil-proverbji u fit-testi ta' l-għerf). Fl-iskejjel 'komuni' kien jiġi mogħti tagħlim vast ta' għerf bl-iskop aħħari li jedukaw l-istudenti għall-ħajja, fil-komplikazzjonijet u l-sfidi li toffri kontinwament.

Biex inkunu nafu x'kien jiġi mogħti nistgħu naqraw Prov 23, 12-24, 22. Stedina biex bil-formazzjoni jikkoreġu pedogoġikament liż-żgħażagħ. Iż-żgħażagħ huma mistiedna biex iħaddnu l-għerf, ma jkunux għajjura għall-midinba, biex irażżnu l-ikel, ix-xorb, il-passjonijiet sesswali diżordnati eċċ... L-Għerf jifforma u jipprepara liż-żgħażagħ għall-ħajja, jagħti l-għerf etiku dwar ir-relazzjonijiet soċjali u r-relazzjoni ma' Alla.

L-ewwel u qabel kollox iż-żgħażagħ huma mistiedna biex jagħmlu avventura personali ta' l-għerf, b'tama fortifikata fil-futur. Għalhekk l-għerf u l-istruzzjoni għandhom skop, dak li jħejji lis-semmiegħa għall-ħajja fuq kull aspett: ħajja fil-familja, fil-komunita' umana, ħajja ma' Alla.

Ma ninsewx li ndirettament il-Kiteb tal-Proverbji jesponi l-kuntest eżistenzjali vitali; qegħdin lkoll f'perjodu pre-eżiliku, f'perjodu monarkiku, kuntest soċjali ta' ħajja irfinat fil-belt. Il-bnedmin kienu issa lkoll sedentarji: bdiewa, negozjanti, ħaddiema manwali eċċ… Ir-relazzjoni mas-sultan hi sostnuta. Għaldaqstant l-iskop ta' l-għerf hu ta' natura formattiva fl-interjorità ta' l-istudent fil-kuntest konkret u vitali. lkoll parti minn familja kbira.

Dan hu manifestat b'mod evidenti fit-tieni u fit-tielet kollezzjoni tal-Ktieb tal-Proverbji: ejjew niftakru b'insistenza biex ma ngħakksux il-foqra, biex nevitaw il-korla, biex ma nieklux ħobż ix-xħiħ, biex nistimaw l-armla u l-iltim, u niskartaw kliem bla sens u għalxejn.

L-ulied huma għalhekk imsejħin biex ikunu tajba, ġusti u joħolqu attitudni pożittiva fil-ħajja, favur il-bini tas-soċjetà (Prov 11, 10). L-istedina biex tkun ġust - biex jitwettaq l-għemil skond in-normi pożittivi tas-soċjetà - jsiru sinjal divin ta' barka, iktar w iktar meta hu Alla li jagħti u jsaħħaħ din il-ħajja partikulari. B'din il-manjiera, l-edukazzjoni għall-ħajja ma tkunx mmarkata biss għall-formazzjoni taż-żgħażagħ, iżda wkoll biex nifthu u nsaħħu din l-istess formazzjoni bl-għarfien tas-sura divina fil-ħajja ndividwali: Ħa ngħallmek illum triqat il-Mulej, biex fih tkun it-tama tiegħek (Prov 22, 19)

Dan il-vers hu meqjus minn Von Rad mhux biss parti mill-introduzzjoni tat-tielet kollezzjoni (22, 17-21), imma wkoll skop aħħari tal-Ktieb tal-Proverbji: li tqawwi tamiet individwu f'Jahweh. Min jaċċetta dan it-tagħlim ikun qed jagħti garanzija ta' tama mġedda f'Jaħweh u għarfien mġedded fit-twettiq tar-rieda divina.

Dan kollu jfakkarna li m'hemmx firda bejn il-fidi u r-raġuni għal-Lhud. U xorta jekk ħafna mit-testi ta' l-għerf u l-proverbji ma jiċċitawx bla ħabi lil Jaħweh, imma biss fl-esperjenza umana, għal-Lhud, il-preżenza divina tidher parti integrattiva. Fil-fatt Jaħweh kien mifhum li kien preżenti fil-verità tiegħu fil-ħolqien kollu u fl-esperjenzi umana bbażżati fuq l-ordni divin.

F'dan id-dawl nistgħu nikkonkludu billi ngħidu li l-Ktieb tal-Proverbji, kif diġà stqarrejna, jipprepara liż-żgħażagħ għall-ħajja, għar-raġuni tal-ħajja fuq kull aspett, uman, individwali, soċjali eċċ… F'din il-prattika konkreta ta' din il-formazzjoni, l-individwi jiftħu lilhom infsuhom għal Alla, jsiru mseħbin kif xieraq fil-ħajja u fis-sejba kif itenni Prov 1, 7: il-biża' tal-Mulej hu l-bidu ta' l-għerf.

***Nixtiequ nitolbu skuża għad-dewmien ta' din il-ħarġa (Jannar-Frar 2003) kawżata minn diversi ċirkostanzi u problemi tekniċi. Nittamaw li nerġgħu nibdew inkunu puntwali fil-ħarġiet tagħna. Grazzi tas-support tagħkom u tas-sabar li bih stennejtu din il-ħarġa.***